# IL-ĦAJJA f'Għawdex

Nru. 844

Diċembru 2002

## Il-Milied fix-Xagħra




LUMEN CHRISTI
366 BIBLE STORIES
IL-BIBBJA GĦAT-TFAL FI 365 STORJA
OLIVER FRIGGIERI
L-ISTORJA TA' ĠESÙ miktuba għat-tfal
IL-BIBBJA GĦAT-TFAL
366 Fairy Tales
THE BIBLE for Children
Classic Enid Blyton Stories
Ktieb tajjeb huwa l-aqwa ħabib...
365 TALBA GĦAT-TFAL
My Big Fun Book of NUMBERS
Fil-"Lumen Christi" issib kemm trid!
BAZAAR PERMANENTI
BI SKONT TA' 10%
FUQ KOTBA MILL-ISBAĦ
għat-tfal
KNOW THE WORLD OF ANIMALS Birds, Reptiles and Insects
FIRST FUN ENCYCLOPEDIA
Children's WORLD ATLAS
WORLD HISTORY ENCYCLOPEDIA MILLENNIUM EDITION
THE ILLUSTRATED FLAG HANDBOOK
A guide to over 200 flags from around the world
MARIA COSTANTINO
MY BOOK OF EUROPE THE EUROPEAN COMMUNITY and how it works
My Book of SCIENCE EXPERIMENTS

# f'din il-ħarġa


Editorjal • 3
Il-Ħajja fid-Djoċesi • 4
X'ġara dan l-aħħar • 6
Għawdex 300 sena ilu – Kontrol fuq l-Imbid • 9
Id-Dinja ta' Ċikku l-Għawdxi • 10
L-Intervista - Il-Milied fix-Xagħra • 12
Novella • 18
Letteratura Għawdxija • 19
ACM: Iċ-Ċanfira ta' Mahatma Ghandi • 20
Bookmark • 22
Suppliment Speċjali
Pellegrinaġġ Djoċesan • 23
Mill-Knisja fid-Dinja • 31
Mons. Isqof: Il-Milied ta' Tfuliti • 32
Il-Biedja f'Għawdex (11) • 34
Wirt Gżiritna –Ġużeppi Grech u il-Mitħna ta' Kola fix-Xagħra (2) • 38
Franġisk Portelli • 40
Int u saħħtek • 42
Għawdex Sportiv • 44
Kurżitajiet minn madwar id-dinja • 46
Werrej Sena 2002 • 47



**IL-ĦAJJA f'Għawdex**

**Imwaqqfa Ġunju 1945**
***Ħarġa nru. 844***
***Diċembru 2002***
**Maħruġa mid-Djoċesi ta' Għawdex**

***Amministrazzjoni:***
**Lumen Christi Media Centre**
**Triq Fortunato Mizzi,**
**Victoria - Għawdex VCT 111**
**Tel. 21560496/7 Fax. 21561860**
***e-mail:*** **lumenchristi@vol.net.mt**
***homepage:***
**www.gozodirect.com/lumenchristi**

**Abbonament: Lm3 Sostenitur: Lm 5**

**Issettjata:** ***Lumen Christi Media Centre***
**Stampata:** ***"Gozo Press" Tel.21551534***

*Din il-ħarġa ngħalqet għall-istampa fil-15 ta' Novembru,2002*
*Il-fehmiet li jistqarru l-kittieba m'humiex neċessarjament dawk tal-Bord Editorjali.*

**Ritratt tal-Qoxra:**
Wieħed mill-presepji fix-Xagħra
*(ara l intervista f'p. 12-15)*


# EDITORJAL

## Milied ta' Veru

*Ninsabu propju fl-aħħar jiem tas-sena 2002, u fuq il-għatba tas-sena l-ġdida 2003. Id-dinja kollha tinsab tipprepara ruħha għal dawn il-festi annwali, mistennija minn kulħadd. Għalina l-Insara dan iż-żmien ifakkarna qabel kollox fil-festi sbieħ tal-Milied - iż-żmien li fih infakkru b'ferħ it-Twelid ta' Sidna Ġesu' Kristu.*

*Żgur li l-preparamenti jinsabu fl-aqwa tagħhom; biżżejjed wieħed iħares madwaru u jintebaħ bil-kummerċ marbut ma' dawn il-festi, ħwienet armati sa snienhom b'tiżjin, rigali, daqq u mitt ħaġa oħra; r-ristoranti f'kompetizzjoni bejniethom fuq l-aħjar menu għall-ikla tal-Milied jew ta' l-aħħar tas-sena; ħafna min-nies ħsiebhom kif se jqattgħu il-vaganzi, jew fejn ser jagħmlu l-istaff party, kemm ser jiddevertu, fejn ser iqattgħu l-iljieli tal-Milied u l-aħħar tas-sena, jew kemm ser jixorbu, naturalment mal-ħbieb preferiti tagħhom.*

*Wara dan, tibda mill-ġdid il-ħajja normali, kollox l-istess ħlief għall-bwiet vojta iżjed mis-soltu. Imma jekk minn dawn in-nies xi ħadd wara jieqaf ftit u jistaqsi għaliex ikun ġie il-Milied għalih, qajla jkun jista joħroġ b'xi riżultat pożittiv.*

*Għal ħafna il-Milied u l-festi li jġib miegħu sar propju dan: divertiment, parties, ilbies, discos u infieq ta' flus. Oħrajn forsi jikkuntentaw iżidu ma' dan Quddiesa nhar il-Milied u min jinzerta xi konfessur fis-sagristija, qrara malajr biex taparsi jserraħ il-kuxjenza.*

*Fuq in-naħa l-oħra issib min jipprepara ruħu mod ieħor għal din il-festa kbira. Minn ġimgħat ilu bdejna l-Avvent, żmien ta' stennija u preparazzjoni; hemm in-Novena, li tkompli iddaħħalna fl-ispirtu veru ta' dan il-ferħ, bil-kontemplazzjoni tal-Kelma t'Alla; iċ-ċelebrazzjonijiet liturġiċi fil-Knisja; u mhux dan biss: il-purċissjonijiet tradizzjonali tal-bambin, il-priedka tat-tifel, il-presepju, l-għotjiet ta' karita` li jispikkaw f'dawn il-jiem.*

*Nistaqsu pero`: kemm il-Milied, għadu festa tal-familja għall-poplu tagħna? Kemm hu għalina l-Milied okkażjoni speċjali li fih wieħed jirranġa sitwazzjoni diffiċli permezz ta' telefonata jew nota qasira ta' rikonċiljazzjoni mal-kartolina? Kemm hu għalina dan iż-żmien okkażjoni biex nagħmlu opra tajba? Kemm minna fuq kollox jirnexxielhom isibu ftit ħin biex jimmeditaw fuq dan il-misteru kbir u jroddu ħajr sinċier u mill-qalb lil Alla għal din l-ġrajja ta' mħabba kbira?*

*Hekk il-Milied ikun tassew komplut; ikun Milied ta' veru. Hekk Kristu jkun twieled mill-ġdid f'qalbek u jimlihielek bl-ispirtu tal-ferħ veru biex b'tama ġdida tkun tista tibda sena oħra mimlija sfidi u esperjenzi ġodda.*

*Nawguraw lil kulħadd Milied Qaddis u Sena Ġdida mimlija Paċi u Barka t'Alla.*




### *SEMINAR TAL-KAPPILLANI*

Nhar it-Tnejn 30 ta' Settembru u t-Tlieta 1 ta' Ottubru 2002, inżamm is-Seminar għall-Kappillani ta' Għawdex ġewwa l-kunvent ta' Santu Wistin. Fl-ewwel jum il-kelliem ewlieni kien Fr. Martin Cilia MSSP. Is-suġġett li tratta kien il-ħidma Soċjali tal-Knisja skond ix-xewqa tal-Papa Ġwanni Pawlu II. Wara tkellem l-E.T. Mons. Nikol Cauchi, Isqof ta' Għawdex li għamel xi riflessjonijiet dwar il-karita` mal-proxxmu fil-prattika. Fit-tieni jum l-Isqof Nikol Cauchi flimkien mal-kappillani ddiskutew diversi aspetti pastorali kif isir fil-laqgħa tagħhom ta' kull xahar u wara kkonċelebraw flimkien.

### *L-ISQFIJIET JILTAQGĦU MAL-PROFESSJONISTI*

L-Isqof Nikol Cauchi, flimkien ma' l-Arċisqof Ġużeppi Mercieca u ma' l-Isqof Awżiljarju Annetto Depasquale; mexxew konċelebrazzjoni fil-knisja tal-Ġiżwiti l-Belt Valletta għall-professjonisti li kienu qed ifakkru l-50 sena minn meta ħadu l-lawrija tagħhom mill-Università ta' Malta. Wara l-quddiesa saru ukoll diskorsi minn kelliema mistiedna biex ifakkru din iċ-ċirkustanza. Dan l-avveniment inżamm nhar l-Erbgħa 2 ta' Ottubru.

### *KONFERENZA TAL-PROFESSJONISTI GĦAWDXIN*

Il-professjonisti għawdxin, nhar il-Ġimgħa 4 ta' Ottubru kienu mistiedna għal-laqgħa li saret ġewwa Dar Manresa minn Fr. Vanni Xuereb. Hu wieġeb ukoll għall-mistoqsijiet li sarulu minn fost dawk preżenti.

### *LAQGĦA DWAR L-EWROPA*

Nhar is-Sibt 5 ta' Ottubru għadd ta' saċerdoti għawdxin flimkien mas-seminaristi attendew għal-*lecture* li saret minn Fr.Vanni Xuereb li hu delegat ta' l-Arċisqof għall-Unjoni Ewropea, dwar is-suġġett "Is-Saċerdot u l-Unjoni Ewropeja". Din kienet it-tielet laqgħa dwar din it-tema li għalihom attendew il-membri tal-kleru ta' Għawdex. Fl-ewwel laqgħa l-kelliem kien Mons. Fortunato Mizzi, filwaqt li fit-tieni laqgħa l-kelliem kien Dr. Alfred Grech.

### *BIDU GĦAT-TĦEJJIJA GĦALL-MIĠJA TAR-RELIKWIJA TA' SANTA TEREŻA*

Il-Patri Provinċjal tat-Tereżjani Alfred Debono OCD żar lill-Isqof Nikol Cauchi fil-Kurja, nhar is-Sibt 5 ta' Ottubru, fejn tkellem fit-tul miegħu dwar il-preparazzjoni għall-miġja tar-relikwija ta' Santa Tereża tal-Bambin Ġesu` fid-Djoċesi ta' Għawdex. Qed jiġi mfassal programm ta' attivitajiet u funzjonijiet għal meta tkun fostna din ir-relikwija għażiża. Għal dan il-għan ġie maħtur kumitat li fih l-Isqof ħatar bħala delegat tiegħu lil Mons. Rosario Borg.

### *L-ISQOF IKELLEM LILL-GĦARAJJES*

Nhar il-Ħadd 6 ta' Ottubru fis-Sala Parrokkjali tan-Nadur, l-Isqof Nikol Cauchi iċċelebra quddiesa bl-omelija għall-għarajjes u l-miżżewġin ġodda. Waqt l-omelija, l-Isqof fost ħwejjeġ oħra enfasizza dwar il-karatteristiċi tal-familja Kattolika.

### *LAQGĦAT ŻONALI GĦALL-KLERU*

Fit-12 ta' Ottubru saret il-laqgħa għas-saċerdoti ta' Żona B ġewwa Dar Manresa. Żona B tikkonsisti f'dawn l-irħula: Xewkija, Sannat, Għajnsielem, Qala. Fis-19 ta' Ottubru saret ukoll il-laqgħa għas-saċerdoti ta' Żona D li tikkonsisti minn żewġ irħula, Nadur u Xagħra. F'dawn il-laqgħat l-Isqof Cauchi dejjem ta s-sehem tiegħu u kellem lil dawk preżenti.



## *L-ISQOF JILTAQA' MAL-KAPPILLANI FRANĠISKANI KONVENTWALI TALJANI.*

L-E.T. Mons. Isqof Nikol Cauchi mexxa konċelebrazzjoni ġewwa s-Santwarju ta' Pinu għall-Kappillani tal-Patrijiet Konventwali li jaħdmu fl-Italja u f' Malta, nhar il-11 ta' Ottubru. Mons Isqof fl-omelija qal li l-Madonna ta' Pinu tagħtina żewġ messaġġi importanti ħafna; l-ewwel wieħed dak li l-Verġni Marija qalet lil Karmni Grima biex hija titlob f'ġieħ it-tliet ijiem li hija damet fil-qabar. Messaġġ bħal dan isejħilna biex nimmeditaw l-aħħar realtajiet ta' l-eżistenza tagħna, in-novissimi. Is-sejħa l-oħra li għamlet Marija kienet lil Franġisk Portelli sabiex hu jibda jimmedita t-tbatija li ġarrab Kristu fil-Passjoni li wettaq għax iħobbna. Mons. Isqof kompla jgħid li dawn is-sejħat għadha tagħmilhom Marija lilna ilkoll, għaliex huma attwali ħafna għalina l-insara.

## *IS-17-IL KUNGRESS TAL-"COMITIUM" T'GĦAWDEX*

Fil-kumpless tas-Santwarju ta' Pinu, nhar it-13 ta' Ottubru nżamm is-17 -il kungress tal-*Legion of Mary* bit-tema ġenerali tkun "Ruħ li trid tirbaħ l-oħrajn trid tkun kbira u wiesa' daqs il-baħar". E.T. Mons. Isqof Nikol Cauchi ħa sehem f'dan il-kungress billi mexxa konċelebrazzjoni flimkien mad-diretturi spiritwali u għamel ukoll l-omelija ta' l-okkażjoni.

## *LAQGĦA GĦALL-ĠENITURI*

Ġiet organizzata laqgħa fil-Museum tas-subien tan-Nadur, nhar it-Tlieta 15 ta' Ottubru, għall-ġenituri li għandhom lil xi ħadd minn uliedhom għall-Ewwel Tqarbina jew għall-Griżma ta' l-Isqof. L-Isqof Nikol Cauchi f'din l-okkażjoni tkellem dwar is-sehem tal-ġenituri fil-preparazzjoni ta' uliedhom għall-ewwel sagramenti.

## *LAQGĦA MAS-SINDKI TA' GĦAWDEX*

Fis-17 ta' Ottubru 2002 is-Sindki tal-Kunsilli Lokali ta' Għawdex iltaqgħu ma' Mons. Isqof biex jawguraw lu f'egħluq il-Ħamsin Sena tas-Saċerdozju. Mons. Isqof Nikol Cauchi filwaqt li rringrazzjahom tal-awguri li għamlulu qal li s-servizz li jagħtu s-sindki, għandu jkun ġej mill-imħabba li huma għandhom lejn art twelidhom. Hu kompla jgħid li l-imħabba lejn pajjiżhom mhijiex biss virtù ċivili iżda hija wkoll virtù nisranija marbuta mar-raba' kmandament.

## *L-ISQOF JILTAQA' MAL-GRUPP MISSJUNARJU GĦAWDXI*

Il-Grupp Missjunarju Għawdxi mmexxi minn Miss Emily Muscat attenda għall-quddiesa li Mons. Isqof Nikol Cauchi iċċelebra għalihom fil-kappella tas-Seminarju maġġuri nhar il-Ġimgħa 18 ta' Ottubru. Waqt l-omelija l-Isqof ħeġġeġ lil dawk preżenti biex ikomplu jikkollaboraw għall-kawża missjunarja.

## *GRUPP TA' SAĊERDOTI MILL-ITALJA TA' FUQ.*

Nhar il-25 ta' Ottubru, fis-Santwarju ta' Pinu, grupp ta' saċerdoti mill-Italja ta' Fuq ikkonċelebraw quddiesa ma Mons. Isqof Nikol Cauchi. Fl-omelija li għamel bit-taljan, Mons. Isqof tkellem dwar il-validità pastorali tas-Santwarji Marjani.

## *ŻJARA TA' KORTESIJA*

Nhar is-26 t'Ottubru, l-Ambaxxatur Franċiż għal Malta għamel żjara ta' kortesija lil Mons. Isqof fil-palazz tiegħu fi Triq ir-Repubblika.

## *MARATONA B'RISQ L-"ARKA" U L-"OASI"*

Is-Sibt 26 ta' Ottubru l-Isqof Nikol Cauchi mexxa konċelebrazzjoni fil-*GYM* tas-Seminarju bħal parti mill-attività tal-*Maratona* ta' *Sports* li ġiet organizzata bejn is-26 u s-27 a' Ottubru f'dan il-Kumpless Sportiv. L-għan ta' din il-Maratona kien li jinġabru fondi għall-*Arka* u l-*Oasi* li huma żewġ entitajiet għawdxin. Fl-omelija Mons. Isqof qal li l-isports għandu sehem kbir x'jagħti fil-ħajja soċjali tal-bniedem. Hu faħħar ukoll lill-atleti għaliex dak li kienu qegħdin jagħmlu kien għal kawża ġusta u nobbli, dik li jgħinu lill-oħrajn.

## *FESTIVAL MARJAN FIL-KATIDRAL*

Mons. Isqof Nikol Cauchi attenda għall-Festival Marjan li nżamm fil-Katidral ta' Għawdex nhar il-Ħamis 31 ta' Ottubru. Il-programm ta' dan il-Festival Marjan kien jikkonsisti f'diversi kantanti li kantaw diversi innijiet marjani. Wara ngħataw ukoll xi premijiet.

# X'ġara dan l-aħħar



Lelio Spiteri

## Premju mistħoqq fir-raħal tal-Għarb



Premju Għarb ingħata lil Mons. Beneditt Camilleri. Mons. Camilleri dam Rettur tas-Santwarju tal-Madonna ta' Pinu għal 35 sena sħaħ. Huwa stinka biex ikattar id-devozzjoni lejn il-Madonna ta' Pinu kemm lokalment kif ukoll barra minn xtutna, speċjalment fejn hemm l-emigranti maltin. Barra xogħol strutturali in konnessjoni ma' Ta' Pinu, hu ħa ħsieb ukoll li jibdel id-dar ta' Frenċ ta' l-Għarb u dak ta' Karmni Grima f'mużewijiet. Ix-*shield* ta' Premju Għarb ġie pprezentat lil Mons. Camilleri personalment mis-Sindku David Apap waqt is-serata ta' Jum l-Għarb fid-29 ta' Awissu 2002.



## Donazzjoni ta' trakk mill-Ġermanja

Quddiem il-bini tal-Ministeru għal Għawdex, fi Pjazza San Franġisk, nhar it-Tlieta 22 ta' Ottubru, filgħodu, saret donazzjoni ta' trakk rikondizzjonat lill-Ministru għal Għawdex biex jintuża fuq xogħol ta' taħwil u manutenzjoni ta' siġar pubbliċi. L-għotja saret mis-Soċjeta' Ambjentali, mill-Belt ta' Minden fil-Ġermanja li ġġib l-isem ta' F.E.E. Din l-għotja seħħet permezz tal-kooperazzjoni u kuntatti tajbin li l-President tas-soċjeta' ġermaniza Burkart Schulte u l-kumitat tiegħu għandhom mal-president Joseph Borg u l-Kumitat tas-Soċjeta' Maltija tas-Siġar, l-*International Tree Federation*.

## Laqgħa tas-Sindki ma' l-Isqof



Is-Sindki Għawdxin iltaqgħu ma' Mons. Isqof Nikol Cauchi sabiex jifirħulu fl-okkażjoni tal-ħamsin anniversarju tas-saċerdozju tiegħu. Fil-laqgħa li saret l-Erbgħa 16 ta' Ottubru fis-Seminarju tal-Qalb ta' Ġesu`, ġew diskussi diversi suġġetti li jolqtu l-ħajja soċjali għawdxija. Saret diskussjoni qasira kif iż-żewġ entitajiet jistgħu jaħdmu id f'id favur il-lokalita`. F'din l-okkażjoni s-sindki taw rigal ta' abbonament fis-sensiela "Teżori fil-Knejjes Maltin" lil Mons. Isqof Cauchi. Preżenti kien hemm ukoll Mons. Giovanni Bosco Gauci, Vigarju Ġenerali tad-Djoċesi Għawdxija.

## *Wirja mis-Soċjeta` Filatelika*

Fis-Sala tal-Wirjiet fi Pjazza San Franġisk Victoria ittellgħet wirja ta' bolli mill-*Gozo Philatelic Society*. Il-wirja li saret bejn l-20 u l-31 ta' Ottubru nfetħet mill-President ta' l-Għaqda in-Nutar Michael Refalo. Ħafna kienu dawk, fosthom studenti ta' l-iskejjel, li żaru din il-wirja.





## *Wirja ta' Xeni minn Għawdex*

Wirja ta' l-arti bl-isem ta' *Scenes from Gozo* ta' Angus Stirling mill-Ingilterra, ittellgħet fil-Banca Giuratale r-Rabat bejn il-Ħamis 10 u 17 ta' Ottubru. Parti mid-dħul tal-bejgħ mar għall-Oratorju Don Bosco. Fost ix-xeni esebiti kien hemm dawk tar-Rotunda tal-Mosta, il-Port ta' l-Imġarr u l-Forti Chambray.



## *L-Ewwel f'Ġirja ta' l-Atleti Studenti*

Kurt Xerri ta' tlettax-il sena ġie preżentat b'żewġ trofej mill-Ministru għal Għawdex wara li rebaħ it-tiġrija fil-kategorija ta' l-istudenti kif ukoll l-ewwel atleta Għawdxi fit-tiġrija li ġiet organizzata mill-MAAA f'Għawdex is-Sibt 12 ta' Ottubru.

## *It-Tieni Edizzjoni tal-Festival ta' Kulturi Ewropej*

Għat-tieni sena konsekuttiva l-Ministeru għal Għawdex organizza l-Festival ta' Kulturi tal-Gżejjer Ewropej. Dan ittella' bejn l-Erbgħa 30 ta' Ottubru u s-Sibt 2 ta' Novembru 2002. Fl-edizzjoni ta' din is-sena ħadu sehem b'kollox tnejn u għoxrin grupp minn ħames pajjiżi differenti inkluż Għawdex. Il-festival sar f'diversi rħula Għawdxin. Dawn kienu Kerċem, Xewkija, Sannat u Għarb. L-għan ta' dan l-avveniment huwa li jressaq fil-qrib gżejjer ewropej mil-lat kulturali u b'hekk ikun qed jiġi nkoraġġit taħlit ta' kulturi u arti performattiva.



## *Il-Kunsill taż-Żebbuġ f'Maletto*

Bejn it-23 u t-28 ta' Settembru delegazzjoni mill-Kunsill Lokali taż-Żebbuġ, iffurmata mis-Sindku Harry Debono, mill-Viċi Sindku Joe Bajada, mill-Kunsillieri Michael Cefai u Carmelo Saliba u akkumpanjati mis-Segretarja Eżekuttiva Diane Vella kienu f'Maletto, fil-provinċja ta' Catania, fejn iltaqgħu mal-*Comune* ta' hemm u mas-Sindku Nunzio Parrinello. Matul il-ġranet li damu hemm, huma iffamiljarizzaw mal-post bi preparazzjoni għall-iffirmar tal-ġemelaġġ bejn iż-żewġ lokalitajiet. Kemm damu hemm, l-għawdxin ħadu sehem f'seminar bit-tema tat-tradizzjonijiet reliġjuzi. Okkażjoni ta' interess għad-delegazzjoni għawdxija kienet iż-żjara ta' kortesija li għamlu f'Palazzo Minoriti, li huwa s-sede tal-Kunsill Provinċjali ta' Catania.

## *Imfakkra l-Għarqa Traġika f'Taċ-Ċawl*




F'ċerimonja li saret nhar il-Ħadd 27 ta' Ottubru kienu mfakkra t-23 persuna għawdxija li għerqu qrib il-bajja ta' Ħondoq ir-Rummien nhar it-30 ta' Ottubru 1948. Iċ-ċerimonja ta' tifkira bdiet bil-quddiesa minn Dun Nazzareno Tonna abbord il-vapur tal-Kumpanija *Gozo Channel* l-*MV Gaudos*. Meta waslu fil-post ta' fejn saret id-dizgrazzja, intefgħu fjuri minn diversi mistednin, fosthom il-Prim Ministru Eddie Fenech Adami, l-*Ispeaker* Anton Tabone u l-Ministru għal Għawdex Giovanna Debono. Mal-wasla lura fil-port ta' l-Imġarr, saret ċerimonja qasira oħra ta' tqegħid ta' kuruni fuq il-monument li hemm fiż-Żewwieqa.



## *Ibbenefikaw minn Programm*

Grupp ta' żgħażagħ mill-Għaqda Mużikali *"Ite Ad Joseph"* tal-Qala ipparteċipaw fil-Programm *YOUTH* ta' l-Unjoni Ewropea u permezz ta' skambju taż-żgħażagħ żaru l-gżira ta' Syros ġewwa l-Greċja bejn is-16 u t-23 ta' Settembru 2002. Dan sar bl-inizjattiva tal-Kunsill Lokali tal-Qala. Il-programm dam sebat ijiem u fih il-banda esegwiet żewġ kunċerti fl-apert taħt id-direzzjoni tas-surmast Michel Refalo. Matul din il-mawra, il-banda żaret diversi postijiet ta' interess u ħadet sehem f'diskussjonijiet u wirjiet kulturali.

## *Ġemelaġġ ma' Palermo*



Fl-aħħar ġimgħa ta' Settembru s-Sindku tal-Kunsill Lokali tal-Belt Victoria Paul Cassar mexxa delegazzjoni komposta minn sitt kunsillieri u s-segretarja eżekuttiva fejn żaru bosta personalitajiet awtorevoli f'Palermo. Id-delegazzjoni żaret ukoll il-kwartieri ġenerali tal-ġurnal ta' kuljum *Il Giornale di Sicilia*. Iż-żjara kulturali saret b'kollaborazzjoni mal-Konslu ta' Malta f'Palermo Alfredo Barbaro. L-aktar laqgħa importanti saret fis-27 ta' Settembru li saret ġewwa *Villa Niscemi* li hija s-*sede* tal-*Comune di Palermo*. Waqt laqgħa, saru diskussjonijiet li komplew iressqu liż-żewġ naħat lejn il-konklużjoni ta' ġemelaġġ benefiċjali għaż-żewġt' ibliet.

Arkivju Nazzjonali Għawdex

# Għawdex 300 sena ilu



Pagna mill-Arkivju Nazzjonali -110

Riċerka ta' Joseph Bezzina

©2002

## *KONTROLL FUQ L-IMBID*

Id-dokument numru mija u għaxra li qegħdin nippublikaw f'din is-sensiela ta' paġni mill-Arkivju Nazzjonali ta' Għawdex hu avviż dwar bejgħ ta' l-inbid maħruġ fl-aħħar terz tas-sena 1702, tliet mit sena ilu. Ir-regolament jinsab reġistrat fid-disa' volum ta' l-Acta ta' l-Universitas ta' Għawdex, l-enti amministrattiva tal-gżira fi żmien il-Kavallieri ta' San Ġwann (1530–1798), manetta (1702–1703), folju 20r (NAG, UG, Acta, 9/1702–1703, f. 20r).

Din li ġejja hi t-traskrizzjoni ta' dan l-avviż:

Item che tutti quelli che vendono vino a misura non possono metter mano alle botte e vendere se prima non habbino havete la meta di noi infrascritti giurati, e da botte sigillate con il sigillo dei gabellotti o dell'Università con la polizza della meta sottoscritta dal Mastro Tesoriere di detta Università affissata nella botte, sotto pena di tarì quindici applicanti come sopra.

Il-bandi jew l-ordinanzi ta' l-Universitas ta' Għawdex kienu, fil-biċċa l-kbira tagħhom, joħorġu fl-ewwel jiem tas-sena finanzjarja li kienet tibda fl-1 ta' Settembru. Numru ta' bandi kienu jkunu ripetizzjoni ta' dak li ngħad is-sena ta' qabel, oħrajn, bħal dan li qegħdin nippubblikaw, kienu jew ġodda jew b'xi punti ta' bandi preċidenti iċċarati. Dan il-bandu hu ndirizzat lil dawk li jbiegħu l-inbid.

L-Universitas kienet tiġbor taxxa fuq il-produzzjoni ta' l-imbid. Kif jidher ċar minn dan il-bandu meta jingħasar il-għeneb u l-meraq kien jitqiegħed fil-krietel, it-tapp tal-kartell kellu jiġi ssiġġilat. Is-siġill seta' jsir kemm mill-gabillott u kemm mill-Universitas innifisha. Jagħmlu min jagħmlu l-Universitas kellha dejjem tiġi mgħarrfa bin-numru tal-krietel ta' l-inbid.

It-teżorier ta' l-Universitas kien imbagħad idur il-kantini u l-imħażen fejn kienu jitqiegħdu l-krietel, jinnota kemm kien hemm bil-volum tagħhom, u jniżżel kemm kien imissha tiġbor taxxa l-Universitas.

Is-sid tal-krietel, kif nafu minn kotba oħra ta' l-amministrazzjoni, kien ikellu jħallas it-taxxa fil-pront. Kif isir dan il-ħlas, it-teżorier kien joħroġ polizza, ċertifikat, bil-firma tiegħu bi prova li t-taxxa dovuta fuq dak il-kartell kienet tħallset. Din il-polizza kellha tiġi mwaħħla mal-kartell u kellha tibqa' mwaħħla miegħu sakemm jinbiegħ l-imbit kollu ta' ġo fih. Polizza fuq kartell ma setgħetx titwaħħal fuq ieħor, għax kull kartell kien ikollu numru maħruq fl-injam tiegħu u għalhekk il-qerq kien ristrett.

Min kien jinqabad ibiegħ inbid minn krietel li ma kinux ġew ikkontollati u bil-polizza mwaħħla fuqhom kien jeħel multa konsiderevoli ta' ħmistax-il irbiegħi (0.26 ewro); minn dawn parti kienet tmur għat-teżorier, u parti għat-tiswija tas-swar.

Il-produzzjoni ta' l-imbid kienet issir b'mod artiġjanali ħafna, jiġifieri b'tagħrif imgħoddi mill-missier għall-iben. Il-kwalità tiegħu, ma kinitx dejjem eċċelenti. Għaldaqstant, minn żmien għal żmien, kien jiġi mpurtat ukoll imbid ta' Sqallija li kien ta' kwalità aħjar. Iżda dan kien intaxxat ħafna u allura ftit setgħu jagħmlu l-kapriċċ u jixtru minnu. Kien biss mid-disgħinijiet tas-seklu għoxrin li l-produzzjoni tal-għeneb u ta' l-imbid f'Għawdex bdiet issir b'mod iktar professjonali.



Itẽ che tutti quelli che vendono vino à misura non possano metter mano alla botte, e vendere se prima non habbino havere la meta di noi Infti Giurati, e da botte sigillata con il sigillo dei gabellotti o dell'Unità con la polizza della meta sottoscritta dal M.ro Tes.re di d.a Unità affissata nella botte, sotto pena di tari quindeci applicanti come sopra




### *Il-'mobile phones' u t-tfal.*

Illum, kull min għandu għajnejh f'wiċċu, jaf kemm il-'*mobiles*' saru popolari anki mal-istudenti ta' l-iskola. Nafu li f'ċerti skejjel hawn Għawdex, il-*mobile phones* ġew saħansitra ipprojbiti. Hawn nixtieq nagħti 'prosit' lill-kapijiet ta' dawn l-iskejjel. Esperti mediċi jsostnu li, għalkemm s'issa ma' hemmx provi ċari li r-*radiation* minn dawn il-*mobiles* hi ta' detriment għas-saħħa tal-kbar, pero` fil-każ tal-minorenni jista jkun hemm il-periklu. Dan għaliex is-sistema nervuża tat-tfal tkun għadha qed tiżviluppa. Mhux biss, iżda wkoll għax it-tfal ikollhom l-għadam ta' rashom irqaq minn tal-kbar u minħabba f'hekk, huwa eħfef għar-*radiation* li tilħaq *tissues* delikati tal-moħħ.

Fl-iskejjel ta' l-Ingilterra il-*mobiles* ma ġewx ipprojbiti totalment, imma qed issir *drive* kbira ta' edukazzjoni biex it-tfal, dawk li għandhom anqas minn 16-il sena, jużaw biss il-*mobile* f'emerġenza. Dan it-tagħrif ta' aktar riskju ta' ħsara fil-każ tat-tfal, għandu jiġi mogħti b'insistenza mill-għalliema lill-istess tfal.

### *Kelma ta' apprezzament lill-Għaqda tas-Salib l-Aħmar (Fergħa t'Għawdex)*

Il-Maltin u l-Għawdxin huma msemmijin kemm huma ġenerużi man-nies fl-artijiet tal-missjoni speċjalment fejn jaħdmu l-missjunarji minn pajjiżna. Ta' kull sena jintbagħtu somom kbar ta' flus, oġġetti ta'lbies u ikel għal dawn in-nies indiġeni. Din l-attivita` missjunarja issa ilha sejra għal bosta u bosta snin u ħaqqha kull tifħir. Waħda mill-iżvantaġġi kbar li qed tiffaċċja din l-attivita` hija l-ispiża tabilħaqq kbira għat-trasport tal-materjal mibgħut, kemm jekk dan jintbagħt bil-posta u kemm jekk jitwassal permezz ta' *container*.

Issa, hawn Malta, la naf b'fortuna u lanqas bi sfortuna, jinsabu numru mhux ħażin ta' rifuġjati u klandestini mit-tielet dinja, nies mill-artijiet tal-missjoni fejn il-livell u l-kundizzjoni tal-għajxien huma tassew deplorevoli. Dawn sabu ruħhom Malta, forsi bla ma kellhom il-ħsieb li jirfsu artna, l-istess bħal ma ġralu San Pawl fi triqtu lejn Ruma. Bħalma l-Maltin ta' dak iż-żmien urew tant ġenerożita` ma' dawk il-frustieri, hekk ukoll aħna rridu nuru ġenerożita` ma' dawn ir-refuġjati li qed jaslu fostna. U hawn nixtieq infaħħar l-aġir tabilħaqq siewi tal-fergħa għawdxija ta' l-Għaqda tas-Salib l-Aħmar li qed tieħu interess tiġbor oġġetti essenzjali għall-użu ta' dawn ir-refuġjati. L-oġġetti miġbura jvarjaw minn ħwejjeġ ta' lbies, disinfettanti, ikel tat-trabi, ħrieqi, oġġetti ta' ikel, sa ġugarelli għat-tfal. Il-membri ta' din il-fergħa qed jaċċettaw ukoll fondi biex jinxtraw affarijiet essenzjali għal dawn l-imsejkna rifuġjati, speċjalment għat-trabi tagħhom. Min ikun irid jgħin din l-opra ta' karita` għandu jikkuntattja lill-*Gozo Red Cross, Room* 6, fiċ-Ċentru ta' l-Universita`, Triq l-Imġarr, Xewkija (tel/fax: 21 55 6044).

### *"L-Għawdxin jixirqilhom attenzjoni partikulari"*

Dan il-kliem intqal mill-Ministru tal-Politika Soċjali, l-Onor. Lawrence Gonzi waqt konferenza ta' l-aħbarjiiet dwar ir-raba' sena ta' ħidma tal-Gvern fl-amministrazzjoni preżenti. Din l-espressjoni, anke forsi fi kliem differenti, smajniha kemm il-darba anke minn fomm il-Ministru għal Għawdex, l-Onor. Giovanna Debono. Ngħid bla tlaqlieq, il-fatt li Għawdex għandu ministeru għalih sewa ta' ġid kbir għal Għawdex. Meta Għawdex kien jiddependi biss minn ministeri u ministri f'Malta, Għawdex ftit li xejn ra progress. Illum, grazzi għall-ministeru għal Għawdex (u anki minħabba l-ħolqien tal-Kunsilli Lokali), il-kwalita` tal-ħajja tagħna l-Għawdxin tjiebet u tjiebet tassew. Mhux ser nagħmel lista ta' dawk il-benefiċċji kollha li Għawdex akkwista matul is-snin li kellna ministeru għalina. Kull min għandu għajnejh f'wiċċu jista' jara l-progress li sar fl-oqsma kollha tal-ħajja.

Naħseb li nkun qed nitkellem f'isem il-maġġoranza l-kbira ta' l-Għawdxin meta ngħid li ma ħadna xejn pjaċir, dan l-aħħar, meta xi politiċi reġgħu ħarġu bl-ideja li l-Ministeru għal Għawdex għandu jispiċċa; u jekk din il-ħaġa ma ssirx, għall-inqas, il-Ministru għal Għawdex m'għandux ikun Għawdxi! Mur obsor x'novita`...!

X'argument wieħed biss validu li jistgħu iġibu dawn il-politiċi favur it-teżi tagħom li l-Ministru għal Għawdex m'għandux ikun Għawdxi? Nisperaw li ma nerġgħux nisimgħuha din li jitneħħa l-Ministeru għal Għawdex, u l-ħsieb bil-wisq aktar redikolu, li jekk fil-kariga ta' Ministru għal Għawdex, ma jkunx Għawdxi, jkun aktar ta' ġid għal Għawdex!

### *Għawdex u l-Cruise liners*

Naqbel perfettament ma' dak li kiteb f'gazzetta lokali bl-ingliż is-Sur Paul M. Cassar, sindku tal-Victoria, dwar il-ħtieġa li f'Għawdex ukoll jiġu jżuruna xi *cruise liners*. Aħna l-Għawdxin nifirħu, bħal meta jifirħu l-Maltin meta fuq l-*iscreens* tat-TV naraw il-Port il-Kbir mimli attivita` tal-*cruise liners*. Matulek ja sena, mijiet ta' eluf ta' passiġġieri li jsalpu ma' dawn il-bastimenti, barra li jaraw dak li Malta għandha x'toffri, jħallu warajhom gelgul mhux ħażin ta' kummerċ. Aħna l-Għawdxin ngħidu: "Kieku mqar wieħed minn kull għoxrin *cruise liner* li jżuruna jasal sa Għawdex!"

Naturalment, id-diffikulta` jew l-objezzjoni li jsibu dawk li jorganizzaw din il-kwalita` ta' turiżmu hija li f'Għawdex m'hemmx dawk il-faċilitajiet ta' trakkar għal din il-kwalita` ta' bastimenti. Sfortunatament dan huwa veru. Imma kif semma s-Sur Cassar, fil-Mediterran jeżistu gżejjer oħra li jżuruhom regolarment il-*cruise liners* għalavolja ma għandhomx *deep water quay*. Anzi l-fatt li l-passiġġieri jiġu trasportati b'*lane*' jew bid-dgħajjes mill-vapur sax-xatt (u lura), din tkun esperjenza oħra li t-turisti jistgħu jikkunsidraw bħala *bonus* fiż-żjara tagħhom. Din il-proposta tas-Sur Cassar hi ta' min jaħseb fuqha.

## *'Waste Transfer Station' għal Għawdex*

Wara l-protesti (fil-fehma tiegħi ġustifikati) li għamlu r-residenti t'Għajnsielem biex il-'*Waste Transfer Station*' ma ssirx fil-lokalita` imsejħa "Tal-Brieghen", issa ġie magħżul post ieħor imsejjaħ "Tal-Kus". Il-Ministru Francis Zammit Dimech, f'laqgħa li għamel ftit ilu, spiega li l-"*Waste Transfer Station*" mhix detrimentali, anzi "Tal-Kus", li illum huwa post inaċċessibli, ser jiġi riabilitat u jsir aċċessibbli. Il-Ministru tkellem ukoll kif l-iskart kollu t'Għawdex, barra mill-iskart ta' l-industrija tal-bini, se jinġarr minn Għawdex għal Malta f'kontenituri ssiġillati. L-aħbar it-tajba hi li sa l-aħħar tas-sena 2004 il-miżbla tal-Qortin tkun għalqet u ma ssir l-ebda miżbla oħra f'Għawdex. Nisperaw li din il-miżbla tal-Qortin mhux biss tkun għalqet imma wkoll titnaddaf u tiġi rijabilitata. Min jaf kieku il-Qortin isirx masġar bis-siġar jew "camping site"?!

Il-Ministru Zammit Dimech ukoll għamel stedina lill-Kunsill ta' Għajnsielem u tax-Xewkija biex jibgħatu delegazzjoni minn fost il-kunsillieri tagħhom biex isiefru u jżuru xi post jew postijiet fejn joperaw *Waste Transfer Stations* ħalli jaraw b'għajnejhom stess kif jitmexxa dan l-istazzjon.

## *Il-Prova tal-Maltemp*

Nixtieq nikkwota u ningħaqad ma' "*Asterisk*" fil-gażżetta "*Il-Ġens*" tas-Sibt, 9 ta' Novembru.

"Ix-xita bil-qliel li għamlet fil-ġranet li għaddew, għaddiet mill-prova tan-nar,kif jingħad, it-triqat ta' Għawdex.

Ta' kull sena, fil-vot kapitali tal-*budget*, il-Gvern iwarrab somma sostanzjali għat-titjib fit-triqat. F'dawn l-aħħar tliet snin għat-titjib tat-toroq f'Għawdex kienu vvutaw nofs miljun lira fis-sena. U nixtieq nibda b'nota pożittiva. Is-sena li għaddiet, il-Ministeru għal Għawdex nefaq eluf kbar ta' liri biex tinstab soluzzjoni għal ħafna ilma li kien jinġabar in-naħa ta' isfel ta' Triq it-Tiġrija, speċjalment il-parti ta' Triq Fortunato Mizzi quddiem l-iskejjel sekondarji ta' Għawdex u 'l isfel minnhom.

Kien sar gandott fond għall-ilma. Dan għadda mill-prova fil-ġranet li għaddew u ħareġ bl-unuri kollha. F'isem ħafna Għawdxin li bħali jkollna sikwit ngħaddu minn din it-triq, nixtieq nagħti prosit lill-Ministru Giovanna Debono tad-deċiżjoni li kienet ħadet li twarrab parti sostenzjali mill-vot għal dan il-għan. Iżda m'għaddewx mill-prova ħafna toroq oħra. Donnu ebda kuntrattur f'Għawdex ma għamel studju speċjali dwar il-bini tat-toroq. Donnu ebda uffiċjal tal-finanzi qatt ma għamel kontroll suret in-nies fuq dawk li jingħataw il-kuntratti tat-triqat...

Tgħid hi xi ħaġa kbira li t-toroq jinbnew bis-sistema li, hawn Għawdex, isejħulha dahar ta' ħmar, jiġifieri li min-nofs jinżlu ħelu ħelu lejn il-ġnub biex l-ilma jaqa` fil-ġnub tat-toroq u ma joħloqx inkonvenjent għas-sewwieqa?! Ma' kull xita joħroġ ċar li l-mijiet ta' eluf li jintefqu ta' kull sena fit-titjib tat-toroq ma jidhrux jew jidhru ftit ħafna. Dan minħabba n-nuqqas mill-iktar serju ta' ippjanar li jeżisti.

Isiru toroq ġodda mingħajr ippjanar sew tas-servizzi u għalhekk wara ftit taraħom maqlugħa mill-ġdid. L-effett tan-nuqqas ta' ppjanar fit-toroq narawh meta tagħmel ix-xita. It-toroq kollha jsiru widien u għadajjar għax ebda ppjanar fejn jaqleb l-ilma. Possibbli li ħadd mhu responsabbli minn dan l-ispalparjar u l-ħela kollu ta' flus fit-triqat? Id-direttur responsabbli mit-toroq għandu jipprova jagħti kontribut lil Għawdex billi janalizża fil-fond din il-problema.

Iżda t-tort mhux tal-kuntratturi biss. F'Għawdex, bħal f'Malta, ma jsirx kontroll fuq it-tagħbijiet tat-trakkijiet il-kbar. Għal xi żmien, kont nilmaħ *trailer* mimli bil-ġebel għaddej mit-triqat ewlenin. Min jaf kemm-il tunnellata ġebel ikun hemm? Qaluli, suġġett għall-korrezzjoni, li *trailer* tal-birra u l-luminata jieħu sa 1,050 kaxxa meta jiġi ppakkjat kif suppost. Elf u ħamsin kaxxa u kull kaxxa b'24 flixkun, jiġifieri 25,200 flixkun. Mhix ċajta! X'ma jiffurmawx għaddajjar u widien fit-toroq tagħna.

Minħabba f'hekk qiegħed ibati kulħadd. Dawk li għandhom karozza jkollhom iktar ħsara u jidħlu għal iktar spejjeż... Hu għalhekk ta' interess għal kulħadd li din il-problema tkun studjata sewwa qabel ma jkomplu jintefqu n-nofs miljuni fit-triqat ta' Għawdex."

BOGI AUTO LTD
■ Spare Parts
■ Batteries
■ Accessories
J.F. Kennedy Square, Victoria VCT 111, Gozo
Tel: 551 070 • Fax: 563 073

SWEET SENSATIONS
CONFECTIONERY
For Cakes, Gateau, Pastries & Confectionery
Jesmond & Maryanne Borg
55, St. Joseph Sqr., Qala, Gozo.
Tel: 565663
Home: 552277

L-INTERVISTA

# IL-FESTI TAL-MILIED FIX-XAGĦRA

*Dun Eddie Zammit jintervista lil Dun Ġwann Sultana*

***Il-parroċċa tax-Xagħra hija msemmija għaċ-ċelebrazzjonijiet tal-Milied. Nibdew mill-Knisja Parrokkjali. X'ċelebrazzjonijiet u attivitajiet isiru fil-Bażilika bi preparazzjoni għall-Milied?***



In-novena bi tħejjija għall-Milied hija ċ-ċentru ta' kull attività fil-Milied. Karatteristika tax-Xagħra hija n-novena għat-tfal li kienet ssir fis-sitta ta' filgħodu, fejn il-bażilka kienet tkun mimlija bit-tfal. Għan-nies imbagħad issir in-novena ta' filgħaxija. Il-kant tal-matutin u l-quddiesa ta' nofsilejl jagħmlu mill-Bażilka tax-Xagħra dar għal familja waħda li tiċċelebra t-twelid tas-Salvatur. Għal dawn l-aħħar 30 sena, Il-Kanonku Anton Refalo Zammit flimkien maż-żgħażagħ jagħmlu presepju mill-iktar artistiku fil-kappella tal-Kurċifiss. Sa minn snin ilu fil-Bażilka tax-Xagħra jispikka l-mod ta' kif tkun imżejna għal dawn il-festi.

F'dawn l-aħħar snin, bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali Xagħra u kumitat imwaqqaf apposta, fil-ġranet tal-Milied jittella' l-Kunċert tal-Milied bis-sehem ta' korijiet u l-Orkestra Nazzjonali. Id-dħul mill-Kunċert ikun għal skopijiet karitattivi. Il-Kunċert ikun taħt il-Patroċinju ta' l-Eċċ. Tiegħu il-President tar-Repubblika.

***Sehem importanti fl-animazzjoni u t-tiżjin marbut mal-Milied jagħtih ċ-Ċentru tal-Vokazzjonijiet. Meta twaqqaf dan iċ-ċentru u x'kontribut jagħti fl-organizazzjoni ta' dawn il-festi?***

Fl-1977, l-Arċipriet Mons. Ewkarist Sultana, waqqaf Ċentru tal-Vokazzjonijiet bil-għan li jkun ta' għajnuna għaż-żgħażagħ li jkunu qed iħossu l-Mulej isejħilhom biex jimxu warajh fis-saċerdozju. Minbarra post ta' formazzjoni spiritwali, dan iċ-ċentru jservi wkoll ta' post rikreattiv u edukattiv għal dawn iż-żgħażagħ. Sa mill-



bidu ta' dan il-grupp, beda' jintrema presepju kbir statiku li fl-ewwel snin kien jintrema fid-dar ta' l-Arċipriet Sultana fi Triq Jannar. Naħseb li dan kien il-bidu ta' bini u armar ta' presepji kbar li imbagħad bdew jinbnew fil-parroċċa għaż-żmien tal-Milied. Meta nfetaħ iċ-Ċentru tal-Vokazzjonijiet fil-lokal taħt is-sagristija tal-Bażilika, il-presepju beda' jintrema hemm.

Wara xi snin, l-abbatini bdew jarmaw il-presepju mekkaniku. Esperimenta minn hawn u minn hemm, min jaf kemm il-darba ttajjar il-*fuse* tad-dawl tal-knisja, min jaf kemm il-metru ta' ktajjen tar-roti ntużaw, l-abbatini rnexxielhom joħolqu presepju mekkaniku li kien jiġbed eluf ta' nies minn Għawdex kollu biex jaraw il-presepju 'jitħarrek'. Il-lokal ta' taħt il-knisja kien iservi wkoll bħala post fejn jiġu esebiti presepji żgħar li jaħdmu l-abbatini, kif ukoll tiżjin tal-Milied uniku li l-arċipriet kien iġib miegħu kull sena mill-Amerika.

Fost il-Grupp tal-Vokazzjonijiet nibtet l-inizjattiva li t-triq ta' quddiem iċ-ċentru tibda tiġi mixgħula bil-festuni u tiżjin ieħor tal-Milied. Kien minn hawn li mbagħad l-istess grupp estenda din l-inizjattiva biex il-misraħ tax-Xagħra jiġi mdawwal fil-festi tal-Milied.



Sa mill-bidu tiegħu, il-Grupp tal-Vokazzjonijiet kien attiv ħafna fil-parroċċa tax-Xagħra. Il-membri kienu jieħdu ħsieb janimaw in-Novena tal-Milied għat-tfal filgħodu. Fil-ġranet tal-vaganzi kienet tiġi organizzata ġurnata rikreattiva għat-tfal fejn kien ikun hemm diversi attivitajiet tal-palk, bħal drammi żgħar, fares, maġija, *film* u tqassim ta' rigali. Din il-ġurnata kienet mistennija ħafna mit-tfal. Xi ħarġa biex naraw il-presepji ta' Għawdex ma kenitx tonqos.



Wara xhur ta' tħejjija għall-Milied u ħidma waqt il-festi kemm fis-servizz liturġiku kif ukoll fil-qasam kulturali, l-abbatini u l-Grupp tal-Vokazzjonijiet, flimkien ma' l-Arċipriet konna naqsmu l-fliegu, anke ġieli f'maltemp kbir, biex ngħaddu ftit ġranet Malta fejn konna nżuru numru ta' presepji madwar Malta kif ukoll it-toroq imżejna. Dawn konna nistampawhom fil-memorja tagħna biex is-sena ta' wara noħorġu b'xi idea oħra għall-Milied fix-Xagħra.

Il-frott ta' din il-ħidma tal-grupp immexxi mill-Arċipriet jidher illum. Bosta mill-membri tal-Grupp tal-Vokazzjonijiet wieġbu għas-sejħa tal-Mulej. Kull fejn konna kemm barra minn Malta, kif ukoll hawn Għawdex, fejn xi wħud minna huma kappillani u retturi, ħadna magħna dawn l-inizjattivi u wettaqnihom fejn naqdu l-ministeru tagħna. Ambjent ta' Milied jgħin biex iktar nimmeditaw il-misteru tat-Tarbija ta' Betlehem.



***Ċentru ieħor li għen u għadu jgħin biex jinħoloq l-ispirtu tal-Milied huwa ċ-Ċentru taż-Żgħażagħ. X'attivitajiet huma marbuta ma' dan iċ-Ċentru?***

Ħarġa għal Malta, ikliet, laqgħat ta' talb u għoti ta' demm huma parti mill-programm li jitħejja għaż-żgħażagħ miċ-Ċirklu taż-Żgħażagħ. Fil-lejl tal-Milied tidwi madwar ix-Xagħra l-qanpiena ta' *Father Christmas* li, permezz ta' żiemel, joħroġ iqassam ir-rigali lit-tfal. It-triq ta' quddiem iċ-Ċirklu tiżżejjen b'sensiela ta' dwal kuluriti li jagħmlu diversi movimenti mekkaniċi.

***Fix-Xagħra nsibu ukoll is-soċjeta` tal-Museum imwaqqfa mill-Beatu Dun Ġorġ Preca. Il-Mużew tax-Xagħra huma msemmi fost il-Maltin u l-Għawdxin għall-presepju kbir mekkaniku. Kif nibtet din l-idea?***

Sa mis-snin sebgħin, is-Soċji tal-MUSEUM Qasam Subien tax-Xagħra bdew jarmaw presepju mekkaniku uniku fil-gżejjer. Għal



snin twal kien rebbieħ tal-kompetizzjoni nazzjonali tal-presepji. Eluf ta' nies iżuru dan il-presepju, li jirrakkonta xena wara l-oħra l-ġrajja tal-Milied.

Lejliet il-Milied jew ġurnata qrib, is-soċji jorganizzaw il-purċissjoni bil-Bambin mat-toroq prinċipali tax-Xagħra. Tfal lebsin kostumi ta' persunaġġi bibliċi jakkumpanjaw il-Bambin li jinġarr mill-istudenti. Tieħu sehem ukoll l-Banda "Victory" bid-daqq tal-għanjiet tal-Milied.

Nhar il-Milied filgħaxija ż-żewġ oqsma tal-Mużew, dak u tas-subien u dak tal-bniet, itellgħu programm fil-Bażilika li jinkludi l-prietka tat-tifel, kant ta' għanjiet tal-Milied, mimi, u dramm qasir. Din l-attività tkun ħafna mistennija mill-pubbliku.

Bħal kull qasam ieħor f'Għawdex fil-ġranet tal-Milied isiru attivitajiet għat-tfal fosthom l-imsejħa "premjazzjoni" fejn jingħataw rigali skond l-attendenza u l-imġieba tagħhom. Ir-rigali jinkludu statwi maħduma mis-soċji stess.

***Minbarra mill-knisja parrokkjali hemm ukoll attivitajiet li huma marbuta ma' knejjes oħra fix-Xagħra. X'attivitajiet jiġu organizzati fil-knisja tan-Nażżarenu?***

Fil-knisja ta' Ġesù Nazzarenu tiġi ukoll organizzata n-Novena tal-Milied u din ukoll issir kmieni filgħodu. Fl-inħawi tal-knisja issir ukoll ukoll il-purċissjoni bil-Bambin kif ukoll il-prietka tat-tifel. Għal numru ta'snin l-abbatini li kienu jservu f'din il-knisja x'uħud minnhom, illum saċerdoti impenjati f'diversi karigi fid-djoċesi tagħna, kienu jieħdu ħsieb jarmaw ukoll presepju mekkaniku fiċ-Ċentru tal-Vokazzjonijiet tan-Nażżarenu. Kien ikun ukoll artistiku, tant li ġieli rebaħ fil-kompetizzjonijiet li jsiru fuq livell nazzjonali. Dan il-presepju illum qed jintrama fiċ-Ċentru tan-Nażżarenu. Is-sena l-oħra dan kien presepju ħaj, b'diversi persunaġġi ħajjin. It-triq ta' quddiem il-Knisja bħal toroq oħrajn fix-Xagħra ukoll tiżżejjen b'dawl mekkaniku minn grupp ta' voluntiera marbuta mal-knisja tan-Nażżarenu.

***U nispiċċaw bil-knisja li tieħu ħsieb int: Il-knisja ta' Sant' Anton Abbati.***

F'din il-knisja antika tal-parroċċa tagħna jinħass ukoll l-ispirtu tal-Milied. Anki fil-knisja tagħna nagħmlu in-Novena. Issir ukoll wirja tal-presepji maħduma mit-tfal. Element marbut ma' dawn il-festi huwa kif taf int is-siġra tal-Milied. Fil-ġnien li hemm biswit il-knisja tagħna għandna siġra għolja, awrikarja li tidher minn diversi postijiet t'Għawdex. Grupp ta' voluntiera jieħdu ħsieb jarmawha bil-bozoz u ħdejha jitwaqqaf presepju fil-ġnien. Dawn l-arranġamenti jagħtu dehra tassew mill-isbaħ.

***X'messaġġ tixtieq taqsam mal-qarrejja tagħna fl-okkażjoni ta' dawn il-festi?***

Jien kelli x-xorti nitrabba f'raħal fejn l-ispirtu tal-Milied ta' ferħ, paċi u għaqda jinħass tassew. Kemm meta kont iżgħar kif ukoll illum, inkun nistennih dan iż-żmien. Dan iż-żmien sabiħ tal-Milied jeħtieġ inżommuh ħaj iktar fix-xhur kollha tas-sena. Dan nixtieq li jkun l-awgurju tiegħi lill-qarrejja kollha tar-rivista.

# PALAZZO MARGHERITA BAR & RESTAURANT



invites you to enjoy this Festive Season with a selection of expertly prepared menus.

## CHRISTMAS EVE BUFFET DINNER

A delicious 5 Course Buffet dinner accompanied by piano music and local talent.
Father Christmas will give your children a surprise gift.



## CHRISTMAS DAY BUFFET LUNCH

Treat your family to this mouth-watering buffet lunch, while Father Christmas will again surprise your children with a gift. Our resident pianist and local talent will entertain you while you eat.



## NEW YEAR'S EVE DINNER DANCE



Celebrate the last day of the year in style!
We have prepared a special 9 course banquet to make this a special occasion.
Compere and pianist in attendance - guest appearance by local talent - Fun and Games - many Spot Prizes to be won - followed by Disco Music - Fireworks Display at midnight - Dancing till you drop.

For reservations please phone 21555737, 21557898

# Waslet is-sena 2003!

## Erġa ġedded l-abbonament tiegħek fir-rivista

# IL-ĦAJJA f'Għawdex




## Il-leħen ta' l-Għawdxin!

*10 ħarġiet fis-sena, b'56 paġna dwar:*

- Il-ħidma tal-Knisja f'Għawdex
- Aħbarijiet u ġrajjiet kurrenti tal-ħajja għawdxija
- Kummenti fuq il-ħajja reliġjuża, soċjali, u kulturali
- Intervisti ma' persuni Għawdxin u esperjenzi attwali
- Artikli ta' natura reliġjuża u tagħrif meħtieġ għall-ħajja
- Storja u Folklor tal-gżira tat-Tliet Għoljiet
- Sports u Sportivi Għawdxin
- L-aħjar mod biex tirreklama fost 6000 qarrejja regolari

Ġedded l-abbonament tiegħek għas-sena 2003, u ħeġġeġ lil ħbiebek biex jabbonaw huma wkoll. Imla' din il-formola u ibgħatha flimkien ma' ċekk jew *money order* ta' Lm3 jew Lm5 lill-*Amministratur, "Il-Ħajja f'Għawdex", Lumen Christi Media Centre, Triq Fortunato Mizzi, Victoria VCT111, Għawdex.*

Isem ____________________

Indirizz ____________________

____________________

*Nixtieq* ☐ *Nabbona* ☐ *Inġedded l-Abbonament għas-sena 2003*

☐ *Lm 3 Abbonament Regolari*

☐ *Lm 5 Abbonament Sostenitur* FIRMA ____________________

Novella Għawdxija

# IR-REĊTA TAL-MILIED FIĊ-ĊENTRU TA' ĦAL FERĦ

Minn Mons.Salv Borg

It-tfal li kienu jiffrekwentaw iċ-Ċentru Parrokkjali tar-raħal ta' Santa Gioia ġiethom ix-xewqa li għal-lejl qaddis tal-Milied, itellgħu programm imżewwaq b'kant, poeżiji, kif ukoll bi *play* żgħira. B'hekk kienu jqattgħu dawk is-siegħat ta' stennija sakemm jingabru fil-knisja għall-quddiesa ta' nofs-il-lejl f'Ħal Ferħ.

It-tfal kollha meddew idejhom, min għal ħaġa u min għal oħra. Saħansitra kienu kitbu huma stess l-iskript għal dik il-*play*. Qagħdu attenti biex jiktbu battuti u sentenzi lill-personaġġi kollha: kliem sabiex tgħidhom Marija, u oħrajn biex jgħidhom Ġużeppi. Sentenzi oħrajn għall-anġli, għar-rgħajja kollha, u saħansitra ħasbu biex jiktbu ftit kelmiet kemm għall-baqra kif ukoll għall-ħmara...

Qassmu l-partijiet kollha lit-tfal li l-aktar kienu jiffrekwentaw iċ-Ċentru Parrokkjali matul is-sena kollha. Kollha riedu jagħmlu l-parti ta' Marija, jew inkella ta' Ġużeppi. Iżda ħadd minnhom ma ried jagħmel il-parti tal-ħmara.

Minħabba f'hekk iddeċidew li jlibbsu ta' ħmara lill-kelb ta' tifla żgħira. Kelb imdaqqas iżda mans daqs ħaruf, b'dawk widnejh mitfugħa lura. Żgur li jaqta' figura tajba bħala ħmara, sakemm ma jaqbadx jinbaħ!

Kien baqa jum wieħed għal lejlet il-Milied. Huma stiednu lill-kappillan ta' Ħal Ferħ, Dun Sidor, sabiex jiġi ċ-Ċentru u jagħti daqqa t'għajn biex jara kienx hemm xi ħaġa nieqsa. Dun Sidor mar għall-aħħar prova u wara li faħħarhom għal dik ir-reċta li kienu ħejjew, qalilhom ċar u tond li kienu nsew lit-tliet Slaten Maġi!

Sergio, il-*producer,* beda jħokk rasu! Kien baqa jum wieħed biss sabiex jagħmlu l-*play*. Fejn kien ser isib tliet Slaten Maġi, hekk ħabta u sabta? Dun Patist, il-viċi-parroku, sab soluzzjoni għal din il-problema.

"Ejjew infittxu tlieta min-nies mill-parroċċa!", qal. "Infissrulhom li jeħtieġ li jagħmluha ta' Slaten Maġi moderni. Jiġu għar-reċta b'ilbiesi ta' kuljum, u jġibu magħhom rigal lil Ġesu` Bambin. Rigal li kellhom jagħżluh huma stess. L-uniku ħaġa li riedu jagħmlu hija li jfissru għaliex kienu għażlu dak ir-rigal".

It-tfal ħarġu jiġru miċ-ċentru jfittxu lil dawn it-tlieta min-nies. F'sagħtejn kienu irnexxielhom isibu t-tliet personaġġi tas-Slaten Maġi, anzi żewġ "slaten" u "reġina"... mhux xorta?!

Lejliet il-Milied wasal! U s-sala taċ-Ċentru Parrokkjali kienet mimlija daqs bajda. It-tfal kollha taw is-sehem tagħhom u l-ispettaklu mexa ħarir. Il-kelb "ħmara" raqad matul ir-reċta kollha, u l-leħja bajda li kellu mwaħħla ma geddumu "San Ġużepp" ma waqgħetx. Kien issa wasal il-mument tant mistenni tad-dħul tat-tliet "Slaten Maġi".

Daħal l-ewwel sultan, raġel li kien jgħodd madwar ħamsin sena, missier ta' ħamest itfal, impjegat fl-uffiċċju tal-perit. Kellu f'idejh bastun li fuqu kien qed jistrieħ sabiex ikun jista' jimxi mhux ħażin, izappap.

Resaq lejn il-Bambin Ġesu` u offrielu dan il-bastun, filwaqt li qal: "Tliet snin ilu kelli inċident tat-traffiku ikraħ ħafna. Ħabta diretta bil-karozza tiegħi. Ħaduni l-isptar, insofri minn ġrieħi serji u ksur fil-għadam. It-tobba kienu kemmxejn pessimisti dwar kemm stajt infiq. Ħadd minnhom ma ażżarda jgħid x'ser jiġri 'il quddiem. Minn dak inhar, bdejt inħossni ferħan ma' kull daqsxejn ta' progress li kien ikun hemm. Ix-xhur li qattajt l-isptar biddluni. Sirt inkun rikonoxxenti għal kull ħaġa żgħira li nagħmel u li qabel qatt ma kont tajt każ tagħha!"

It-tieni personaġġ kienet Reġina, omm ta' żewġ ulied. Kellha f'idejha ktieb tal-katekiżmu. Poġġietu ħdejn il-maxtura tal-Bambin u qalet: "Sakemm iż-żewġ uliedi kienu għadhom żgħar, u kellhom bżonni, kont inħoss lili nnifsi realizzata. Imbagħad uliedi kibru u bdejt inħossni qed ngħix bla ebda skop. Ħassejt li kien kollu ta' xejn noqgħod insewwed qalbi minħabba f'hekk. Tlabt lill-kappillan sabiex jagħtini l-permess sabiex ngħallem il-katekiżmu lit-tfal iż-żgħar. B'hekk jiena sibt mill-ġdid li l-ħajja kellha sens għalija. Inħossni appostlu, profeta! Kemm hija ħaġa sabiħa li tiftaħ beraħ il-fruntieri lit-tfal tagħna. Qed inħossni li sirt mill-ġdid persuna importanti!"

It-tielet sultan kien wieħed żagħżugħ. F'idejh kellu karta bajda. Poġġiha qrib il-benniena ta' Ġesu `u qal: "Staqsejt lili nnifsi jekk kellix naċċetta din il-parti. Ma kontx naf x'ser naqbad ngħid, lanqas x'ser inġib miegħi. Idejja huma vojta. Qalbi hija mimlija b'xewqat ta' ferħ u ta' mistoqsijiet dwar il-ħajja. Ġewwa fija qed inħoss beżgħat, mistoqsijiet, tamiet ġodda. Ma għandi xejn x'noffri. Noffrilek din il-folja bajda. Jiena naf li inti ġejt fostna sabiex twasslilna tamiet ġodda. Ara, qalbi hija miftuħa beraħ u lesta li tilqa' il-kelmiet tiegħek li inti lest li tikteb fuq din il-folja bajda ta' ħajti".

In-nies kollha miġbura fis-sala taċ-Ċentru Parrokkjali ħassew demgħat ta' ferħ jinżlu jiġru ma' ħaddejhom, u refgħu jdejjhom biex juru kemm kienu ħadu gost, biċ-ċapċip li ma seta' jwaqqfu ħadd. U hawn il-kelb-"ħmara" qam u beda` jinbaħ u jferfer denbu... Kulħadd kien ħareġ sodisfatt!

Letteratura Għawdxija

# Xewqat Sbieħ, Ġesù !

*Poeżija msejsa fuq artiklu ta' l-Arċisqof ta' Loreto,*
*Mons. Angelo Comastri, li deher*
*f'"Il Messaggio della Santa Casa" Nru.10, Diċembru 2000.*



Waqt li nħossni tant imqanqal,
f'għeluq sninek ferħ inġarrab,
fis niftakar f'ta' kemm drabi
nħalluk f'xi rokna mwarrab;
u flok festa lilek nagħmlu,
nagħmluha għax qisha tagħna!

Flok twelid ta' tama, mħabba,
tiżjin, dwal ma' kullimkien,
ikel, xorb u djar mixgħula
li jħallu 'l-ġisem għajjien;
u ninsew dak li għedtilna,
li: "Il-veru Dawl hu Jien".

Kemm tassew inħossni mnikket,
b'dat-tnassis, tagħlim qarrieqi,
illi l-ħajja jibdel f'farsa
li tnessina li f'għar għeri
f'dirgħajn Ommok, bi ftit ħrieqi,
ħsilt lil ruħna minn tant ġrieħi!

B'hekk urejtna li l-ferħ veru,
mhux pjaċir li jġib il-għatx,
'mma tnehida t'erwieħ safja
illi f'Betlem kienu ragħajja,
ta' mħabba li ġġiegħ'lhom jaqsmu,
u sserraħhom tul il-vjaġġ.

Hekk kif ħafna fuq il-passi
ta' Franġisk t'Assisi, il-fqajjar,
ta' Saverju, ta' Vinċenzu,
jew Tereża soru twajba
f'esperjenza rigal joffru,
ħajjithom jgħinu lill-proxxmu!

Mela waqt li nawgurawlek,
qlubna biddel, b'ferħ imliena,
biex bħar-ragħajja, bħal Marija,
bħal Ġużeppi u tant qalbiena,
nagħżlu Betlem għamar tagħna:
min m'għandux, ħa jaqsam magħna!

**Francis Sultana.**

Riflessjonijiet miġbura minn A.C.M.



# Iċ-Ċanfira ta' Mahatma Gandhi

## Ta' Reliġjon Hindu , kien jissaħħar wara l-figura ta' Kristu

*"Sakemm ma sseħħx il-Paċi u ma tinqeridx il-vjolenza, Kristu jkun għadu ma twelidx"*

I F'dan il-Jum tal-Milied irrid ngħidilkom x'impressjonijiet għamlitli l-ġrajja ta' Kristu kif irrakkuntata fit-Testment il-Ġdid.

*"Jiena sirt midħla tal-Bibbja 40 sena ilu. Meta qrajt it-Testment il-Ġdid u d-Diskors tal-Muntanja, bdejt nifhem it-tagħlim ta' Kristu.*

*Id-Diskors tal-Muntanja kien jikkonsisti f'dan: li ma nivvendikawx u ma npattux deni b'deni. Minn dak li qrajt, dak li baqa' mwaħħal f'moħħi kien dan: li Ġesù ġie biex iwaqqaf liġi ġdida:*

*- mhux aktar għajn għal għajn u sinna għal sinna,*

*- imma li, meta jagħtuk daqqa ta' ħarta, tkun lest li toffri ħaddejk biex jagħtuk daqqtejn.*

*"Kien dan id-diskors tal-Muntanja li qanqalni biex inħobb lil Kristu".*

II "Fil-ħajja ta' reliġjon, elfejn sena huma ftit wisq. Fil-fatt, għalkemm aħna nkantaw Glorja lil Alla fil-għoli tas-Smewwiet u Paċi fl-art, illum fuq din l-art la hawn glorja lil Alla u lanqas paċi fl-art.

Sakemm ma tkunx seħħet il-paċi fid-dinja, u l-vjolenza ma tkunx inqerdet miċ-ċiviltà tagħna, Kristu jkun għadu ma twelidx.

Meta tibda ssaltan il-vera paċi... imbagħad inkunu nistgħu ngħidu li Kristu jkun twieled fostna".

III "JEKK NAWGURAW LIL XULXIN IL-MILIED IT-TAJJEB MINGĦAJR MA NAGĦTU SENS PROFOND LIL DAWN IL-KELMIET, DAN L-AWGURJU JKUN BISS KLIEM FIL-VOJT".

*Gandhi fil-"Young India" tal-31 ta' Diċembru 1931 - ikkwotat fl-"Osservatore Romano" tal-24/25 ta' Diċembru 1984.*

## ĠESÙ, GĦANDNA BŻONNOK!

*Kristu, Ruħ kbira, f'dan il-Milied, il-ġurnata mbierka tat-twelid tiegħek, aħna li m'aħniex Insara:*

***NINŻLU GĦARKOBBTEJNA QUDDIEMEK;***
***AĦNA NĦOBBUK;***
***AĦNA NQIMUK,***

*aħna li m'aħniex Insara, għax Int magħqud ma' l-Asja bir-rabta tad-demm (għandek f'demmek l-istess demm tagħna l-Asjatiċi).*

*Tliet passjonijiet qegħdin ibejtu fil-qalb bierda ta' l-Ewropa. Dawn huma:*

- ***il-gwerra***
- ***il-poter***
- ***il-flus.***

## M'GĦADX HEMM POST GĦALIK FL-EWROPA? EJJA U OQGĦOD MAGĦNA FL-ASJA!

*X'ħin narawk, il-qlub tagħna mifnija bit-tbatija, jitfarrġu.*

***O Mgħallem ta' l-imħabba, inżel fi qlubna, għallimna nħossu t-tbatija ta' l-oħrajn; biex naqdu lil-lebbrużi u lill-"paria" (in-nies emarġinati fl-Indja) b'imħabba universali.***

***Mahatma Gandhi***



# Tgħodd għalina din iċ-ċanfira? Kif ser ngħaddih il-Milied bħala Nisrani?

# "GĦALIEX TIĊĊELEBRAW IL-MILIED DARBA BISS FIS-SENA?"



## Tagore jistaqsi

**Tagore (1861-1941) twieled f'Kalkutta, fl-Indja. Kien poeta, awtur, filosfu u drammaturgu kbir tar-reliġjon Hindu. Rebaħ il-Premju Nobel għal-Letteratura l-1913. Tagore ma wasalx biex iħaddan ir-Reliġjon Nisranija, iżda kellu rispett kbir lejha u lejn Kristu. Is-sentimenti li esprima Tagore fuq il-Milied ftit li xejn kien hemm Insara li wrewh bħalu.**

*Din is-silta fuq il-Milied kitibha Rabindranath Tagore fil-1932*

I Li tagħmel festi reliġjużi darba f'sena biex tagħti qima lil nies kbar, dan ikun ħlas b'irħis wisq.
Li, għal 364 ġurnata, tinsa lil dawn in-nies kbar imbagħad tiftakar fihom ġurnata biss f'sena dan hu ftit wisq.
U aħna hekk nagħmlu... Is-sena kollha ma ngħixux skond il-verità li Hu għallem... Imbagħad naħsbu li ser nsalvaw billi nkantaw "Ninni li tibkix iżjed" darba f'sena.
Kull ma nagħmlu hu li nirrepetu festi minn barra. Kristu jrid bidla interjuri u mhux turija minn barra biss.
Inħossni nirgħex bil-mistħija jekk xi ħadd jistedinni niċċelebra dawn il-festi darba biss fis-sena.
Naraha nuqqas ta' serjetà kbira li nħallas lil Kristu bil-paroli, meta jien imissni nintrabat miegħu, mhux bil-kliem iżda b'ħajti kollha.
Imbagħad dan sew, li nitkellmu fuq it-twelid ta' Kristu f'data preċiża tal-kalendarju, jiġifieri fil-25 ta' Diċembru... imbagħad fil-ġranet l-oħra tas-sena le?

### II Il-Milied iseħħ kuljum

- L-Iben ta' Alla twieled fil-ħajja tagħna.
Kull meta nagħmel xi sagrifiċċju...
Kull meta lil għajri nsejjaħlu "ħija", dik il-ġurnata tkun Milied għalija, tkun liema data tkun.
Ġesù jitwieled. U Ġesù qed ibati u jmut kuljum. Ġurnata wara l-oħra.

### III X'Kuntrast!

A. F'dan il-jum stess tal-Milied,
- fil-knejjes kollha jinstama' jidwi kant ta' tifħir lil Kristu
- imbagħad, barra mill-knisja, l-art hi msoqqija bid-demm minħabba l-qtil ta' ħutna l-bnedmin.

B. Dawk li llum jgħollu 'l fuq lejn is-sema innijiet ta' foħrija ġewwa l-knejjes,
- għada arahom jiċħduh bit-tfaqqigħ tal-kanuni u jwaqqgħu għaċ-ċajt il-messaġġ tiegħu ta' paċi billi jitfgħu l-balal mill-ajru u jiżirgħu l-mewt.

### IV Mistoqsija

- *Allura għalfejn qegħdin nagħmlu festa llum?*
Anke llum, fl-istorja tad-dinja ta' llum, Kristu għadu jiġi msallab. Kull mument.

### V *X'għamel Ġesù?*

Ġesù sejjaħ lill-bniedem biex ikun iben Alla.
Ġesù heġġeġ lill-bnedmin biex ikunu magħqudin bħal aħwa.

*X'għamilna aħna?*

Seklu wara l-ieħor aħna warrabna l-istedina tiegħu. Anzi għamilna kemm stajna biex neħduha kontra l-Kelma Tiegħu.

### VI *Għalfejn se jservi l-Milied ta' dis-sena?*

- Dan Ġesù li ġie jippridkalna li Alla hu Missierna u aħna lkoll aħwa, jinsab frustrat u deluż. (N.B. għaliex il-Messaġġ tiegħu waqa' fuq widnejn torox)

- **Illum huwa jum biex nindmu u mhux biex niddevertu.**
- **Illum id-dinja jmissha tirgħex bil-mistħija għal dak li l-bniedem qed jagħmel b'idejh (jiġifieri li qed jagħmel il-maqlub ta' dak li qalilna nagħmlu Kristu).**
- **Illum ejjew inbaxxu r-ras supperva tagħna; ejjew minn għajnejna nxerrdu d-dmugħ ta' ndiema.**
- **Il-Milied hu jum ta' riflessjoni. Hu jum biex jagħmilna lkoll aktar umli.**

*Tagore "Santiniketon", 25 ta' Diċembru 1932, maqluba għall-Malti minn Bollettino Salesiano, Diċembru 1996.*

## INT NISRANI, X'SER TWIEĠEB?

BOOKMARK

# "IL-MARA FID-DINJA ANTIKA, FIL-BIBBJA U FIL-KNISJA"

***Patri Guido Schembri, ofm, "Il-Mara fid-Dinja Antika, fil-Bibbja u fil-Knisja", Lumen Christi, Għawdex, Nov 2002. Sensiela "Orizzonti Bibliċi", Nru.6; pp.48; Lm1.***




*Il-ħidma twila u serja ta' Patri Guido Schembri OFM fil-qasam ta' l-istudji tal-Bibbja ilha magħrufa snin kbar. Kemm bil-kelma miktuba u kemm bil-kelma mitkellma jew imxandra, huwa rnexxielu jagħti sehem sħiħ b'riżq l-għarfien tal-Kelma ta' Alla, kemm fiha nnifisha bħala messaġġ ta' verita` divina u kemm bħala turija tal-laqgħa storika ta' Alla mal-bniedem, laqgħa li seħħet fi żmien u fi spazju u skond tradizzjoni partikolari. L-għarfien teoloġiku u l-għarfien storiku, imħalltin flimkien kif jixraq u kif jitlob l-istudju, wassluh biex ipprovda korp ta' tagħlim li huwa siewi daqskemm pjaċevoli għal kulħadd. B'hekk stagħniet tassew il-librerija reliġjuża f'Malta.*

*Dan kollu jidher din id-darba wkoll f' "Il-Mara fid Dinja Antika, fil-Bibbja u fil-Knisja". Fi ftit paġni Patri Guido jiġbor tagħrif essenzjali li jibda mid-dinja pagana tal-qedem u jissokta bil-Ġudajiżmu, bil-Bibbja, u jasal sal-qofol tal-messaġġ evanġeliku, waqt li jintroduċi wkoll il-ħsieb ta' żmienna fi ħdan il-Knisja mill-Konċilju Vatikan II 'l hawn. Bil-mod kif jippreżenta t-tema tal-mara huwa juri kemm l-istudju huwa l-muftieħ waħdani li bih tinkiseb dehra sħiħa u tajba; b'hekk tinħarab kull semplifikazzjoni waqt li kull idea tingħaraf fid-dawl propju tagħha. Kull konklużjoni hi mogħtija r-riferimenti li jseddquha u li għandhom ikabbru x-xewqa tal-qarrejja biex jiżviluppaw l-għarfien tagħhom tat-tema femminili, qadima daqskemm attwali.*

*Il-mertu ta' dan ix-xogħol huwa li bħal drabi oħra, Patri Guido Schembri jirnexxilu jfisser fi kliem ħafif, mirqum u preċiż bosta kunċetti li huma tassew meħtieġa għal kull min irid ilaqqa` l-wirt tal-kelma ta' Alla ma' l-ansjetajiet u mal-fehmiet, kumplessi u fl-istess ħin sempliċisti, taż-żmien postmodern. F'dan is-sens dan ix-xogħol huwa siewi għal kulħadd, u forsi wisq aktar għal kull min hu mdaħħal fil-qasam pastorali.*

***Oliver Friggieri***




# "DUN ALWIĠ MIZZI, Sależjan"

***Mons. Isqof Nikol Ġ.Cauchi, "Dun Alwiġ Mizzi - Sależjan", Gozo Press 2002; pp.55; Lm1.***

*L-Isqof t'Għawdex, Mons. Nikol Cauchi, hu wieħed mill-kittieba l-aktar magħrufa fil-gżejjer Maltin. Kiteb fuq ħafna suġġetti differenti, minn dawk reliġjużi għal dawk profani. Barra minn hekk, huwa wkoll poeta u wieħed mill-ġurnalisti li jħobb jifli l-qagħda ta' pajjiżna u joħroġ is-sabiħ u t-tajjeb li għandna. Iħobb ukoll l-ambjent u dejjem saħaq fil-kitbiet tiegħu fuq il-ġmiel naturali ta' Għawdex. Jalla nkomplu nsebbħu lil din il-gżira biex ta' warajna jberkuna.*

*Dan l-aħħar, Mons. Cauchi ppubblika ktieb tassew interessanti fuq Dun Alwiġ Mizzi, li jolqotna fil-laħam il-ħaj, speċjalment lilna tar-Rabat t'Għawdex. Imma jolqot ukoll lill-Għawdxin u l-Maltin kollha għax kif stqarr l-Isqof stess fid-daħla (p.5):*

*"Ħassejt li għandi nżomm ħajja l-memorja ta' dan is-Sależjan Għawdxi li ddedika żmienu u l-aħjar enerġiji tiegħu għall- edukazzjoni reliġjuża tat-tfal u taż-żgħażagħ, speċjalment bil-katekeżi adatta għalihom".*

*Jien, li naf lil Dun Alwiġ mill-qrib u li ktibt fuqu meta għalaq mit sena mit-twelid, nista' ngħid b'wiċċi min quddiem kemm kien bniedem tar-ruħ dan il-qassis twil mill-Għarb u kemm kien bniedem ta' qalb tajba u lest jgħin lil kulħadd. Jekk għall-Isqof, Dun Alwiġ kien "ħabib sinċier" u "ispirazzjoni kontinwa fl-għażla tal-vokazzjoni tiegħu", għalija, kien kollox. Kien hu li nissel fija l-imħabba lejn Don Bosco, il-ferħ ta' min jagħti bla ma jistenna, l-imħabba lejn Santa Marija, ir-rispett lejn is-saċerdot, kien min kien u jagħmel x'jagħmel, u l-importanza ta' l-għerf prattiku tal-ħajja iktar minn dak tal-bankijiet ta' l-iskola! Kien bniedem ta' sagrifiċċju u naħseb li l-ikbar sforz li għamel Dun Alwiġ Mizzi f'ħajtu, kien dak li jaqleb mis-sistema repressiva ta' żmienu, għas-sistema preventiva ta' Don Bosco!*

*Il-ktieb ta' Mons. Isqof jiġbor fih ukoll għadd sabiħ ta' ritratti antiki ta' meta jien kont żgħir. Tħoss fik tassew nostalġija kbira! Dan il-ktieb hu stampat fil-Gozo Press fuq karta tassew tajba, b'tipi ċari u bla żbalji.*

***Rev. George Mercieca***

John Portelli Ent. Ltd.
IATA ACCREDITED AGENT
The Agent for all your Travel Needs!!
7, INDEPENDENCE SQUARE, VICTORIA VCT 103, GOZO.
TEL: 56 12 12 - 56 12 13 FAX: 56 01 33
108, ST. JOHN STREET, VALLETTA VLT 10, MALTA.
TEL: 23 57 72 - 24 70 16 FAX: 24 75 36



# PELLEGRINAĠĠ DJOĊESAN

## fl-okkażjoni tal-50 Sena mill-Ordinazzjoni Saċerdotali ta' Mons Isqof Nikol Ġ. Cauchi

*Jikteb Dun Renato Borg, Segretarju Pastorali*

Sa miż-żminijiet bikrin tal-Knisja nafu li kienu jiġu organizzati pellegrinaġġi għal postijiet meqjusa sagri, ħalli jgħinu lil min iżurhom jagħmel esperjenza spiritwali li tkun ta' fejda kbira għalih. Għad li maż-żminijiet kienu ħafna t-tibdiliet li saru fil-pellegrinaġġi, però essenzjalment dejjem saru u għadhom isiru biex il-bniedem jagħmel esperjenza ta' Alla f'dawk il-postijiet fejn, għal xi raġuni jew oħra, għandhom rabta mill-qrib miegħu. Dawn il-postijiet ħafna drabi huma marbutin jew ma' ġrajjiet tal-qaddisin jew inkella ma' dehriet soprannaturali. Il-bniedem hu minnu nnifsu pellegrin, anke jekk jibqa' fl-istess post fejn twieled u qatt ma jitħarrek minn postu; dan għaliex l-esperjenza tgħallmu li hawn fl-art mhux pajjiżu, u l-fidi turih li aħna "pajżana tas-sema." Għalhekk ix-xewqa tiegħi f'dan l-artiklu hi li naqsam magħkom din l-esperjenza spiritwali li għamilna f'dan il-pellegrinaġġ djoċesan li sar bejn l-4 u l-11 ta' Novembru 2002. Dan il-pellegrinaġġ ġie organizzat fl-okkażjoni tal-Ħamsin Sena mill-Ordinazzjoni Saċerdotali ta' Mons Nikol Ġ. Cauchi, Isqof ta' Għawdex. L-okkażjoni nnifisha kienet ta' stimolu ikbar biex ilkoll nieħdu dak l-atteġġjament ta' radd il-ħajr għal dak kollu li l-Mulej għamel u għadu jagħmel magħna meta aħna nilqgħu l-grazzji li jagħtina, u fl-istess ħin nitolbuh biex ikompli jżomm ħarstu fuqna ħalli nkomplu bħala pellegrini l-mixja tagħna fit-triq li twassalna fid-dar ta' Alla Missierna.



*F'Cascia, quddiem Santa Rita*

L-ewwel żjara tagħna kienet fis-Santwarju ta' Santa Rita ta' Cascia, kif ukoll fil-Monasteru tal-klawsura tas-sorijiet Agostinjani, fejn Santa Rita għaddiet 40 sena minn ħajjitha. Fil-quddiesa li ċċelebra Mons Isqof flimkien mas-saċerdoti f'dan is-Santwarju, ftakarna fil-familji tagħna li għad li ħafna minnhom huma "teżor", hemm oħrajn għaddejjin minn problemi partikolari u whud minnhom jinsabu wkoll fi kriżi. Forsi wieħed jista' jaħseb li ressaqna l-problemi tal-familji quddiem il-qaddisa Santa Rita għaliex din il-qaddisa hija magħrufa bħala "il-qaddisa ta' l-impossibbli", u llkoll nagħrfu li xi whud mill-problemi li jkollha tħabbat wiċċha magħhom il-familja mhux dejjem għandhom soluzzjoni faċli. Xejn minn dan. Dak li qanqalna lkoll biex induru lejn Santa Rita u nitolbuha għall-familji tagħna kien minħabba li Santa Rita kienet mara miżżewġa, kienet omm li ġarrbet ħafna mill-morr tal-ħajja. Kien għalhekk li aħna b'mod partikolari tlabniha għall-għaqda fost il-miżżewġin u l-imħabba u l-maħfra fost l-aħwa, hija li tant ħadmet għall-għaqda fost il-familji rivali ta' pajjiżha. Santa Rita bħal donnha riedet tagħtina sinjal li kienet laqgħet is-sejħa tagħna, għaliex il-Badessa tal-Kunvent tatna l-privileġġ li nistgħu nidħlu fil-kamra fejn kienet għaddiet ħajjitha Santa Rita bħala soru, u fejn illum hemm ukoll miżmum b'għożża kbira t-tebut li fiha kienet ġiet imqegħda wara mewtha. Santa Rita żgur li riedet turi l-gratitudni tagħha lejn Mons Isqof għad-devozzjoni li għandu lejha, għaliex kull meta xi persuni jersqu lejh u jitolbuh xi ħaġa li ma jkunx jista' jagħtiha, allura jagħtihom santa ta' Santa Rita, u jgħidilhom bit-tbissima: "Itolbu lil din għaliex din hija l-qaddisa ta' l-impossibbli".




*F'Assisi, quddiem il-qabar ta' San Franġisk*

Wara dan il-post qaddis ta' Cascia, l-pellegrinaġġ kompla lejn il-post ta' Assisi fejn hemm il-fdalijiet ta' "dak iċ-ċittadin Taljan li tant għamel unur lin-nazzjon Taljan" - kelmiet il-Beatu Ġwanni XXIII. Rajna postijiet oħra marbuta kemm mal-ħajja ta' San Franġisk kif ukoll mal-ġrajja ta' Santa Kjara. F'dan il-post fejn Franġisku talab lill-Mulej biex jagħmlu "strument tal-paċi tiegħu..." ħarġet talba ħerqana għall-paċi fid-dinja, dik il-paċi li minn xi daqqiet tidher hekk fraġli. Dik is-sempliċità franġiskana kienet xi ftit ta' tbeżbiża kif ukoll sejħa biex nagħrfu nkunu sempliċi u umli. Forsi minn hawn ġej dak is-seħer li jiġbed tant nies lejn Assisi.

Minn Assisi morna Ruma fejn waqafna jumejn. Nistgħu ngħidu li Ruma dejjem kienet mfittxija fil-pellegrinaġġi li saru matul sekli sħaħ ta' fidi nisranija. U l-istess hekk għadha, għaliex Ruma hija ċ-ċentru ta' l-għaqda, ta' l-universalità, tal-karità, fi kliem ieħor hija din il-belt li tilqa' l-Papa, l-Isqof ta' Ruma - "Il-Missier ħelu fuq l-art", kif kienet isejjaħlu Santa Katerina ta' Siena. Tliet mumenti ta' tifsira partikolari f'din il-belt kienu: Il-quddiesa li ġiet iċċelebrata


Fil-parroċċa ta' S. Ignazio d'Antiochia, f'Ruma



fil-parroċċa ta' San Injazju ta' Antijokja fejn hemm kappillan Mons Ġużeppi Attard, fl-okkażjoni tal-50 sena mit-twaqqif ta' din il-parroċċa. Għal din il-Quddiesa kkonċelebraw diversi saċerdoti Għawdxin li qegħdin jistudjaw jew jaħdmu f'xi parroċċa ġewwa Ruma. Hawn ftakarna f'dawk is-saċerdoti Għawdxin li qegħdin jaħdmu 'l bogħod minn xtutna u minkejja id-distanza għadhom iżommu u juru l-għaqda tagħhom ma' l-Isqof tad-djoċesi. L-okkażjoni l-oħra kienet meta l-Isqof ingħata l-permess biex iqaddes fuq l-altar tal-Kattedra ġewwa l-Bażilika tal-Vatikan. Qalulna li hija rari ħafna li jingħata permess li tiġi ċċelebrata quddiesa bil-Malti fuq dan l-altar tal-Kattedra. Wara l-omelija ta' Mons Isqof għamilna l-Istqarrija tal-Fidi, biex inġeddu l-fidi tagħna u nuru l-fedeltà u r-rabta tagħna mas-suċċessur ta' Pietru. Wara l-Quddiesa nżilna fil-kripta fejn hemm ħafna mill-papiet midfuna. Ma stajniex ma

Fi Pjazza San Pietru, Ruma




N. Calleja u A. Balzan flimkien mal-Q.T. Papa Ġwanni Pawlu II

nieqfux u nitolbu quddiem il-qabar tal-Papa Pawlu VI li malajr jolqtok, għaliex il-qabar tiegħu m'huwiex monument merfugħ 'l fuq, iżda huwa sempliċi rħama kannella skura u fuqha l-kelmiet PP. PAWLU VI, u fuq xewqa tiegħu stess huwa midfun taħt l-art. Id-djoċesi ta' Ruma diġà fetħet il-kawża tal-beatifikazzjoni tiegħu. Il-ġrajja l-oħra kienet l-udjenza li kellna mal-Papa fis-Sala Pawlu VI li ssir kull nhar ta' Erbgħa. Bħalissa l-Papa qiegħed jagħti katekeżi fuq is-salmi. Konna fuq quddiem nett, u minkejja li konna 41 persuna biss, ma nqasniex li nuru li aħna konna preżenti. Il-Papa kien jidher tajjeb u meta sellem lill-grupp djoċesan tagħna mmexxi mill-Isqof Cauchi, il-grupp kollu infexx f'ċapċipa mill-qalb. Kienet xorti sabiħa għall-grupp tagħna, li fost dawk li telgħu fi tmiem ta' l-udjenza jsellmu lil Papa personalment, kien hemm is-Sur Nazzareno Calleja f'isemil-K.D.A.L. u s-Sur Alfred Balzan f'isem id-donaturi tad-demm. Ma nistgħux ma ngħidux grazzi mill-qalb lil Mons Alfred Xuereb ta' kull għajnuna li tana qabel u waqt l-udjenza.

Minn Ruma bdejna l-vjaġġ tagħna lejn San Giovanni Rotondo, il-post fejn għadda ħajtu San Piju tal-Pjagi. Peress li l-vjaġġ kien wieħed twil Fr Eddie Zammit, it-*tour leader* tagħna, ħaseb li nagħmlu waqfa Lanciano biex inkunu nistgħu nżuru s-Santwarju fejn kien sar il-miraklu tal-Ewkaristija. Qaddisna wkoll f'din il-Knisja. Wara din il-waqfa ħassejna ruħna iktar friski biex naffrontaw l-aħħar parti tal-vjaġġ. Bħalma ħtiġilna nieqfu biex nistrieħu u nieħdu enerġija ġdida biex inkunu nistgħu nkomplu l-vjaġġ tagħna, hekk ukoll hija l-Ewkaristija fil-vjaġġ ta' ħajjitna. Biex ma ngħejewx hemm bżonn li nieqfu ta' sikwit quddiem l-Ewkaristija biex nistrieħu fil-Mulej, nitrejqu bil-Ħobż tal-Ħajja u nimtlew mill-ġdid b'heġġa u enerġija ġdida biex inkunu nistgħu nkomplu l-pellegrinaġġ lejn is-sema pajjiżna.

Tard bil-lejl wasalna San Giovanni Rotondo. L-għada qaddisna fil-kripta fejn hemm midfun San Piju tal-Pjagi u wara għamilna l-Via Sagra fuq l-għolja li hemm biswit is-Santwarju. Tibqa' impressjonat bin-numru kbir ta' pellegrini u ma tistax ma tistaqsix il-għala dawk in-nies kollha jżuru dan il-post, li huwa sinjal tat-tbatija ta' Kristu u tat-tbatija umana. Jien naħseb li huwa proprju għalhekk li huma ħafna n-nies ta' kull stat ta' ħajja li jfittxu dan il-post. F'dan il-post tlabna b'mod partikolari għall-morda tal-komunitajiet tagħna u dawk fl-isptarijiet. Il-post huwa għajta li ħierġa, biex ngħid hekk, minn kull ġebla ta' dawn l-inħawi biex fid-dawl ta' Kristu nagħrfu nagħtu tifsira lit-tbatija u d-diffikultajiet li nġarrbu u li ngħaddu minnhom.



X'ħin ġejna biex nerġgħu lura lejn Ruma, għaddejna Pietralcina, post it-twelid ta' San Piju u komplejna b'waqfa fis-Santwarju ta' Pompej, fejn Mons Isqof mexxa quddiesa tal-ħin f'dan is-Santwarju ddedikat lill-Madonna tar-Rużarju. Ma stajniex ma nieqfux



Wara l-udjenza mal-Papa

f'santwarju marjan u naghtu tislima kif jixraq lil Ommna Marija. Konna diġà żorna xi santwarji oħra marjani iżda hawn stajna nieqfu fit-tul u nitolbu. F'kull santwarju marjan li wieħed iżur nistgħu ngħidu li ma jistax ma jħossx dik is-sejħa li l-Verġni Mbierka kienet għamlet fit-tieġ ta' Kana: "agħmlu dak li jgħidilkom hu." Din iż-żjara kellha tifsira partikolari għaliex il-Papa jixtieq li proprju din is-Sena għandha tkun "is-Sena tar-Ružarju."

Fi triqtna lejn Ruma għamilna żjara qasira fil-Monasteru ta' Monte Cassino fejn hemm il-fdalijiet ta' San Benedittu u Santa Skolastika. Ma stajniex ma nitolbux lil wieħed mill-Patruni ta' l-Ewropa li jagħtina l-għajnuna u l-ħarsien tiegħu biex il-poplu Malti jagħraf ikun għaqli u responsabbli lejn Art Twelidu fid-deċiżjoni li ser ikun imsejjaħ jieħu.

L-aħħar waqfa tagħna, qabel ma rritornajna lejn gżiritna, kienet dik li għamilna fil-Bażilika "San Paolo fuor le mura". Għalina l-Maltin u l-Għawdxin din kellha tifsira partikolari. Matul il-Quddiesa ftakarna b'mod partikolari fil-missjunarji kollha Maltin u Għawdxin u tlabna għas-Soċjetà Missjunarja ta' San Pawl li ġġib l-isem ta' l-Appostlu tal-Ġnus, anke għaliex kellna magħna lil Fr Alfred tal-MSSP. Fl-aħħar tal-quddiesa ressaqna talba għan-Nazzjon Malti billi kantajna l-Innu Malti.

Kien tassew pellegrinaġġ spiritwali li żgur u mhux forsi kien ta' għajnuna għalina lkoll biex inkunu nistgħu nkomplu bi spirtu ġdid u mħeġġeġ il-pellegrinaġġ fil-ħajja ta' kuljum.



SAN GIOVANNI ROTONDO 09/11/2002 - PELLEGRINAGGIO DIOCESANO GOZO - MALTA



# To be a pilgrim...

*by Steve Mallia (Reporter, Times of Malta)*

The Salmon is reputed to be the most remarkable of fish. Soon after birth in calm streams, it swims enormous distances on an uncertain but purposeful journey through flowing rivers and tidal estuaries before making its way into the perilous open sea. And there it remains until it hears nature's inevitable call to make its way back again. The return leg is much harder, with the older fish requiring every ounce of energy it can muster to swim home against the current. But the salmon is radiant as well as determined, somehow finding renewed energy and vigour, as it makes this arduous but most welcome pilgrimage of a lifetime.

Unlike the salmon, Bishop Nikol Cauchi has made his way 'home' to the Vatican many times in the 50 years he has been a priest, perhaps each one becoming a little more difficult than the last. But the spring in his step and infectious enthusiasm for the prospect at hand on Wednesday, November 6 would have put even the heroic fish to shame.

Much like they did for Shakespeare's Julius Caesar, Rome's "wide walls encompassed but one man" for a while that morning as Mgr Cauchi sat on the indoor stage of that day's Papal audience, a conspicuous figure alone with what could only have been pleasant thoughts until he was eventually joined by his brethren bishops and cardinals.

The crowds dutifully took their places as the hall filled with groups who had made their way from as far a field as Brazil, from as near to the Pope's heart as Poland, and of course right at the front was a slice of Gozo and Malta. Vocal chords were exercised and instruments fine-tuned, as the people who were eagerly waiting for their Father to arrive managed to provide as much illumination inside the hall as the bright sunshine being denied to them outside.

The heart-rending sight of the Pope being wheeled onto the stage that day, a statue-like figure with his back uncomfortably arched, belied the indomitable spirit that lay underneath his brilliant white shell. He was astutely alert to every movement and sound around him, which took the form of impromptu choral performances, cheers, and a much less elegant but equally vociferous individual outburst of support for the first bishop who took the stage. Each time, the Pope reciprocated with a trademark gesture and, as he slowly turned his head, it was plain to see that the man who brought a smile to the face of Papacy has still not lost it after 23 years despite his ailing health. He looked considerably better than the same man who followed in the footsteps of St Paul to Malta some 18 months ago.

Mgr Cauchi knelt and gently clasped the Pope's right hand between his thumb and forefinger as they exchanged greetings for a few warm moments. The proverbial salmon had arrived, and was wearing a smile that stretched from ear to ear as he exited the hall and started to make his way out of the inner walls of the Vatican. Even the bishop, normally so reserved when it comes to expressing his personal feelings, could not resist the temptation to share his joy: "It's true that I had to wait for two hours, but it was worth it," he said. There were few in the group – particularly Nazzareno Calleja and Alfred Balzan who also met the Pope – who would disagree with him and the sight of their bishop on that stage only served to enrich the experience.

Before setting off on this pilgrimage which began on November 4, Mgr Cauchi told me that although he had been to all the places on the itinerary more than once before, he managed to discover something new on each visit.

Within three hours of arriving in Italy, his prophecy was to prove inconveniently correct at the first stop, picturesque Cascia in the province of Umbria, as he had to climb many unwelcome flights of steps that he did not recall seeing on previous visits.

It was perhaps a small sacrifice in comparison with the trials and tribulations endured by St Rita during her lifetime - which included emotional turmoil, a stigmata in her forehead and living out her last years as an invalid – but the Mass he led and the visit to her monastery in the early evening was the climax of a day that began for the bishop and many other members of the group in Gozo at 4 a.m. without a moment's rest. Rarely has a dinner been so richly deserved.

Alfonso, the group's coach driver with a shaven head and designer sunglasses, could easily have been cast as a villain in any Italian gangster film, but instead it was he who cheerfully and effortlessly navigated the coach through Umbria's winding roads, with its steep ravines and wire mesh-covered rock faces, the following morning as Gozo headed for its rendezvous with Assisi.

The journeys were often long, occasionally tiring but never dull. The fountain of historical information that lives within the head of Fr Eddie Zammit, who doubled up as an impressive albeit reluctant tour leader, was I'm sure of great value to the few who managed to stay awake, though perhaps more enriching was the endless litany of jokes provided mainly by the bishop himself and Tarcisio Gauci, interspersed with short sessions of solemn prayer and occasional sing-song.

The long escalators that carried the group up the steep sides of Assisi were almost as welcome a sight as the toilets beneath them, though not nearly as expensive as the English term 'spend a penny' proved to be woefully out of date in a place that demanded just under a Euro to allow you into the cubicle to make another kind of deposit. Necessity literally proved to be the mother of invention for some members of the group who were either unwilling or unable to produce required coinage and were nimble enough to go over or under the turnstile that was keeping them from their meeting with armitage shanks.

With its honeycomb stone, cobbled streets and stunning views, Assisi remains an unspoilt town. Even the large number of souvenir shops - which attracted two members of the group like bees to pollen to the chagrin of one's patient son - fail to spoil an ambiance that is tranquil and thought provoking. A long walk took the bishop and the group to the remains of St Francis, which are housed in the patriarchal basilica of San Francesco – a church composed of three sanctuaries, one over the other. Tragically, a recent earthquake destroyed a number of beautiful medieval frescos that adorn the walls of each level, and the painstaking task of restoration is an ongoing process in an effort to return the church to its former glory.

Thankfully, no such effort is required at St Peter's Cathedral in Rome, where, dressed in rich red robes, Mgr Cauchi, Fr Eddie, Fr Renato Borg, Fr Vincenz Demicoli, Fr Alfred Farrugia and Mgr Alfred Xuereb, a resident at the Vatican, said Mass on the fourth day of the programme. The previous evening had seen a similar event at a different location, the parish of Fr Guzepp Attard just outside Rome, which, together with the Gozitan Bishop, marks its golden jubilee this year. After this Mass, Mgr Cauchi was presented with a liturgy book, which was heavy enough to take up an entire weight allowance on an aircraft. The jovial gathering of old and new Gozitan priests over a large dining table which followed was preceded by a solo performance on piano by Mgr Cauchi, though whether it was he or the piano that was out of tune still remains a mystery and I was left wondering whether it would have been better for the big book to have been about music.

"Listen very carefully," were the ominous words uttered by Fr Eddie on arrival in San Giovanni Rotondo on the fifth day as the group arrived in the plush surroundings of a newly-built four-star hotel, "you must open the door of your room with this key, and then plug it into a socket in the wall to switch the lights on." Simple enough you might think. But in three minutes flat two members of the group had managed to lock themselves out of their rooms and one came to ask which hole the light is supposed to shine out of. With his



*At San Giovanni Rotondo*

patience and sense of humour tested but surprisingly intact, our long-suffering tour guide managed to solve both problems without insult or injury to anyone concerned. With less than an hour to settle down after an eight-hour journey which only allowed time for a brief stop for Mass at the Church of the Eucharistic Miracle in Lanciano and a rapid lunch, the bishop and the group made their way under darkness to the sanctuary that houses the remains of the recently made saint, Padre Pio, who was bestowed with five stigmata in 1918.

As another sun dawned on the Saturday morning – every destination on the tour was bright and cloudless – one man walked along the back of the main church in San Giovanni Rotondo where, at about 8.15 a.m., a Mass had already started. He paused, quietly found an empty pew, and knelt alone for almost the entire duration of the ceremony. It was Mgr Cauchi who spontaneously picked this moment to detach himself from the rest of the group, who were taking their first look at the sanctuary in daylight, presumably to seize his only opportunity to be a passive participant on a pilgrimage that was dedicated to him and in which he played such an active part on every level. Immediately afterwards, he led Mass himself in the intimate setting of the crypt of Our Lady of Grace Church which houses the body of San Pio.

The group showed their appreciation towards the bishop that evening with the presentation of a bronze bust of San Pio as a fitting tribute to mark his 50th anniversary. Virtual silence was his bashful reaction, so touched was he by the gesture.

Sunday was dedicated to the long journey back to Rome, with a brief stop for a very warm Mass and a serenaded lunch in Pompei, and no sooner was it Monday morning and the group was back on the plane.

The time had come for every salmon to return home.












### Il-Papa onorat bħala Ċittadin ta' Ruma

Is-Sindku ta' Ruma, Walter Veltroni formalment pproklama lil Ġwanni Pawlu II ċittadin ta' Ruma, waqt ċerimonja qasira fil-Vatikan f'Ottubru li għadda. Hu u jirċievi d-dokument ta' l-għazla tiegħu bħala ċittadin ta' Ruma, il-Papa qal: "Kelli nagħmel 24 sena ta' xogħol biex nikseb dan!" Kompla, "Għal San Pawl kien eħfef !".
X'ħin imbagħad tkellem b'ton aktar serju, il-Papa qal li tul il-papat tiegħu ħass li ċ-ċittadini ta' Ruma laqgħuh u kienu qrib tiegħu. Hu ħeġġeġ lir-Rumani biex jagħrfu d-dmir fondamentali tagħhom li jgħaddu lill-ġenerazzjonijiet ta' għada l-wirt għani ċiviku, morali u spiritwali ta' Ruma. Qal li hu kburi li jista' jirrepeti llum, il-kelmiet ta' S. Pawl: "*Civis Romanus sum*". L-għarfien tal-Papa Pollakk bħala cittadin Ruman kienet għażla tassew popolari li tirrifletti l-affezzjoni enormi tan-nies ta' Ruma lejn il-Papa, l-ewwel wieħed mhux Taljan wara 450 sena.
Żgur li diversi saċerdoti Għawdxin, bħal min qed jikteb, jingħaqdu man-nies ta' Ruma li magħhom ħadmu fid-djoċesi tal-Papa, u jifirħu minn qalbhom lil Ġwanni Pawlu II.

### Pariġi u r-Riti Funerarji

Imħassba għax il-mewt saret sempliċi negozju għal ħafna aġenti funerarji, id-Djoċesi ta' Pariġi qed tvara s-servizzi tagħha biex tipprovdi l-funerali. Christian de Cacqueray, għadu kemm ippublika ktieb, "Il-Mewt Konfiskata: *Essay* fuq id-Deklin tar-Riti Funerarji" (*La Mort Confisquée, Essai sur le Déclin des Rites Funéraires*), bi prefazjoni mill-Kardinal J.M. Lustiger. Mistoqsi x'jifhem b'"mewt konfiskata", De Cacqueray wieġeb li aktar milli konfiskata, l-mewt hi moħbija. Qal li dan hu r-riżultat ta' ħafna tendenzi soċjali li qamu fis-soċjetajiet tal-Punent, b'mod partikolari, l-kunċett preżenti ta' mediċina. Innota wkoll li l-ħabi, li jwarrab ir-realta` tal-mewt mill-ħajja soċjali, jiffavorixxi l-professjonaliżmu estrem tar-riti funerarji. Barra minn hekk, ir-relazzjonijiet bejn il-ġirien kif ukoll ir-reliġjon m'għadhomx kapaċi jwieġbu għall-bżonnijiet tan-nies li jsofru t-telfa ta' xi membru tagħhom, u allura l-kumpaniji tas-servizzi funerarji jidħlu biex jimlew dan il-vojt.

### 29 Pajjiż jopponu kull forma ta' Cloning

Ta' l-inqas 29 pajjiż ingħaqdu biex jitolbu "*statement*" tal-Ġnus Magħquda kontra kull għamla ta' *cloning* uman. L-inizjattiva, li nibtet minn *memorandum* preżentat minn Spanja, għandha s-support ta' l-Istati Uniti, l-Arġentina, l-Italja u n-Niġerja, fost l-oħrajn. Dokument adottat minn dawn il-pajjiżi jitlob li konvenzjoni internazzjonali dwar il-*cloning* riproduttiv tkun estiża biex tinkludi kull għamla ta' *cloning* ta' bnedmin, inkluż dak imsejjaħ terapewtiku, li fih l-embriji umaniji ntużaw għar-riċerka.

### L-Aħħar Ittra ta' S. Massimiljanu Kolbe lil Ommu

Il-Franġiskani Konventwali tal-Polonja, fl-okkażjoni ta' l-20 anniversarju mindu Kolbe ġie dikjarat qaddis, fetħu l-arkivji ta' Niepolalanow, il-"Belt ta' l-Immakulata", mibnija mill-Qaddis. Fost il-manuskritti tiegħu, hemm l-aħħar ittra li kiteb lil ommu. "Għażiża Ommi", kiteb, "lejn l-aħħar ta' Mejju jien wasalt b'*convoy* tal-ferrovija fil-kamp ta' konċentrament ta' Auschwitz. Jien ninsab tajjeb għal kollox, għażiża Ommi. Tista' toqgħod fil-paċi dwari u dwar saħħti, għax it-twajjeb Alla hu kullimkien u jaħseb bi mħabba kbira dwar kulħadd u dwar kollox. Ikun aħjar jekk int ma tiktiblix sakemm tirċievi ittra oħra, għax ma nafx kemm se ndum hawn. B'tislijiet ġentili u bews, Raymond Kolbe". San Massimiljanu ngħata injezzjoni letali fl-14 ta' Awissu 1941. Miet martri għal ħaddieħor!

Għandek xi tip ta' propjeta` għall-bejgħ: Farm Houses—Appartamenti—Plots u Raba'?
Jekk tixtieq tbiegħ xi propjeta`, asal wasla s'għandna jew ċempel lil J. Debrincat

**J. DEBRINCAT LIMITED**

*Pjazza San Frangisk Victoria - Gozo Tel 21553960 - 21560102 Fax 21560103*
*Email: jdmail@debrincat.com.mt* *www.debrincat.com.mt*

## Mons. Isqof Nikol Cauchi jirrakkonta:

# IL-MILIED TA' TFULITI

Qiegħed nitkellem dwar iż-żmien li fih kelli minn ħames snin sa għaxra jew ħdax; dan ifisser, bejn wieħed u ieħor mill-1934 sal-1940. Din kienet ċioè l-epoka ta' qabel il-Gwerra Dinjija tal-1939, u tal-bidu tagħha. Dik il-ħabta, Hitler kien jaħtaf pajjiż wara ieħor mill-Ewropa Ċentrali, u bl-eżerċti imponenti tal-Ġermanja Nazista li kienu joqgħodu għall-ordnijiet tiegħu, kien werwer id-dinja. Mussolini, fl-Italja minn naħa l-oħra, ossessjonat bil-viżjoni li jibni imperu mhux inqas glorjuż minn dak ta' Ruma Imperjali, ma kienx jitlef okkażjoni waħda li jiftaħar bl-organizzazzjoni faxxista tiegħu u bil-kisbiet territorjali tiegħu. Biex il-borma toqgħod fuq tlieta, dittatur ieħor barra mit-tnejn li semmejna kien Stalin, li kien irnexxielu jwaqqaf reġim kommunista fir-Russja u jdaħħal fl-Unjoni Sovjetika stati żgħar u popli differenti li ma kinux kapaċi jiddefendu l-indipendenza tagħhom. Insomma kien żmien tad-dittaturi, żmien li fih jeddijiet il- bniedem kienu mirfusa, meta is-sħab ikrah tal-gwerra kien qiegħed jinġemgħa bil-mod il-mod, sakemm fl-aħħar faqqgħet it-tempesta tal-biża'.

Iżda fir-raħal ċkejken tal-Għarb, fejn twelidt jien u għaddejt żmien tfuliti, fis-snin li qegħdin insemmu kollox kien għadu primitiv u ħieles mill-istorbju u dħaħen tal-gwerra. Toroq tat-torba li fix-xitwa jimbidlu f'għadajjar fejn jistgħu jgħumu l-papri. Bil-lejl fanal b'lampa tal-pitrolju tnemnem, li kienet tintefa' meta jkun riħ qawwi; karozza waħda tal-kiri u kważi ħadd iżjed ma kellu; telephone wieħed tal-għassa u l-ieħor tat-tabib għal xi sejħa urġenti; radju, kellu wieħed l-arċipriet li kien jaħdem b'batterija li trid tiġi ċċarġjata ta' spiss; gazzetti, xi tużżana nies kienu jirċievu bil-posta u fi żmien l-elezzjonijiet il-gazzetti tal-partiti li aktarx kienu jitqassmu b'xejn għall-propaganda. Mill-bqija, kollox silenzju, kollox ħolm dwar l-imgħoddi u sabar b'kulma l-Mulej jibgħat. It-tliet dittaturi li rregalaw il-gwerra lill-umanità, setgħu jinku u jisfidaw lil xulxin kemm iridu, għaliex ma kienu jtellfu xejn mill-ħemda u l-paċi li bih kien jista' jiftaħar raħli. Dan sakemm bdew jersqu lejna l-ajruplani tal-għadu u jwaddbu xi miżwet l'hawn u l'hemm, għaliex imbagħad f'daqqa waħda sirna parti mid-dinja, bil-għelt u l-kefrija tagħha.

## *Tifkiriet tal-Milied fl'iskola tar-raħal u logħob ta' żmieni għal-lewż...*

Imma biex nibqgħu fuq is-suġġett tal-Milied, nista' ngħid li t-tifkiriet li għandi marbutin miegħu fi tfuliti huma marbutin ma' erba postijiet: id-dar, l-iskola, il-knisja u ċ-ċirklu tal-Azzjoni Kattolika li kien hemm quddiem id-dar tagħna.

Nibda biex ngħid li fil-klassijiet ta' l-iskola konna nkunu fuq ix-xwiek nistennew li jasal il-Milied. Din l-istennija ma kinitx xi ħaġa li kienet konsegwenza tal-interess fis-sena liturġika. Konna nistennew il-Milied, għax dan kien ifisser iktar minn ġimgħa vaganzi, imma wkoll, għaliex kull wieħed mill-għalliema kien jagħti xi rigal żgħir lil kull wieħed mill-istudenti tiegħu. Dan ir-rigal kien ikun jew xi bambin żgħir, jew xi santa u xi drabi wkoll xi lews jew ħelu. "X'ser iġġibilna, sir, għall-Milied?" konna nistaqsu kollna heġġa, ripetutament. Niftakar, li darba minnhom xi wieħed mit-*teachers*, iffittajnieħ iżżejjed, telgħalu, u malajr qalilna x'ser jagħtina għal-Milied: "Frieħ xjaten"!!!

Barra mill-iskola, aħna t-tfal u xi drabi wkoll il-kbar konna nehdew nilgħabu l-lews, li kont tixtri ma nafx kemm il-kastell, b'sold jew tnejn. Kull xorta ta' logħob kien addattat biex tilgħab il-lews, tirbaħ jew titlef, bis-sewwa jew bl-imgħawweġ. Tombla, par, iz-żurżieqa, l-piċ u ċ-ċippitatu u ħafna għamliet ta' logħob ieħor, li xi wħud minnhom ma għadhomx moda u li dwarhom iħobbu jitkellmu d-dilettanti tal-folklor.

## *Il-funzjonijiet fil-knisja tar-raħal u l-prietka tat-tifel fil-Lejl tal-Milied*

Sa minn ċkunitna, ommi kienet teħodna fil-knisja għall-funzjoni tal-Lejl tal-Milied, li kienu jsejħulha l-"fizzju" ċioè l-uffiċċju divin. Kemm waqt il-kant tal-Lawdi li kienu jagħmlu l-kanoniċi mil-kor, kif ukoll waqt il-quddiesa, li kienu jsiru bil-latin, in-nies flok ma jsegwu il-Liturġija, kienu jgħidu r-rużarju u kurunclli ta' ħafna għamliet. Dan kien isir mhux fil-Milied biss, iżda dejjem, għax hekk kienet id-drawwa sa żmien il-Konċilju Vatikan II. Il-knisja kienu jixgħeluha bid-dawl ta' l-aċitelena jew tal-gass, u kien hemm brazzi f'diversi postijiet tal-kor u tal-knisja. Għall-okkażjoni l-organista li f'dak iż-żmien kien Dun Pawl Formosa kien iħarreġ l-grupp tiegħu biex ikantaw xi salmi u l-partijiet tal-Quddiesa, kollox bil-latin. U aktarx falsabordun, il-kant Gregorjan u l-polifonija rari li kienu jinstemgħu. L-orgni kien jibqa' jdoqq tul il-quddiesa kollha, mhux biss biex jakkompanja l-kant, iżda wkoll biex jimla l-intervalli. Ħafna kienu jkunu jistennew li tindaqq is-sinfonija tal-Milied jew Pastorali u Dun Pawl kien jagħmel li jistà biex jikkontentahom, għad li l-verżjoni tiegħu kellha xi varjanti mill-verżjoni oriġinali. Imma iktar minn kollox, dak li kien jolqot il-kurżità fil-funzjoni tal-Milied kienet il-prietka tat-tifel madwar kwarta jew ftit inqas. Sa l-aħħar taparsi kien jinżamm sigriet min kien ser ikun it-tifel li jagħmilha u hux ser jagħmel figura. Lili daħħluni abbati, jew mal-Piccolo

Clero, meta kelli seba' snin jew tmienja. U lbist l-ewwel darba fil-lejl tal-Milied. Is-sena ta' wara, għamilt il-prietka ta' nofs il-lejl, li kien kitibha għalija u għallimhieli z-ziju Dun Vinċens. Darba minnhom ipprietkajtha minn fuq sodda. Dan ġara għaliex kien hemm koppja raġel u mara anzjani, li kienu ġirien tagħna, li minħabba saħħithom ma qamux għall-Quddiesa ta' nofs il-lejl, imma xorta kellhom kurżità jisimgħu il-prietka tat-tifel u rieduni nerġa' nirripeti l-prietka quddiemhom. Imma jiena inzertajt kont marid, u għalhekk, ma nafx kif ftehmu ma' ommi, qagħdu bil-qegħda fuq siġġu ħdejn is-sodda fejn kont mixħut u jiena għamilt sforz qomt bil-qegħda, u bħal Sant'Indrija minn fuq is-salib, hekk jiena minn fuq friexi, ippruvajt ngħid kelma għall-ġid lil dawk iż-żewġt 'ixjuħ. Bħala rikonoxxenza, tawni pakkett lewż; għall-inqas tgħallimt minn età żgħira, li l-priedki jitħallsu, kif ngħidu llum "bil-*peanuts*." B'kollox din il-priedka tal-Milied għamiltha tliet snin wara xulxin, u f'żewġ parroċċi differenti, imma l-aħħar darba kelli verżjoni ġdida u kien għallimhieli Dun Pawl.

## *Meta fil-Lejl tal-Milied rajt "il-babaw" fil-wied ta' Sdieri...!*

Ma nafx liema sena kienet, imma nista' ngħid li 'dak il-lejl' bdejt il-missjoni tiegħi ta' evanġelizzatur. Dun Pawl kien ħabib tal-Kappillan ta' l-Għasri, li dik il-ħabta kien Dun Pawl Xerri, u ftehmu li joħodni fil-parroċċa tiegħu biex nagħmillu l-prietka fil-Quddiesa ta' lejl il-Milied, li fl-Għasri kienet issir fit-tlieta jew l-erbgħa ta' fil-għodu. Jiena meta tlajt fuq il-pulptu dakinhar, kelli nuża bħal xkaffa, li tista' tinfetaħ jew tingħalaq b'ċappetta mwaħħla mal-pulptu stess minn ġewwa; din kienet għajnuna għall-predikaturi qosra, biex almenu rashom tkun tidher 'l fuq mix-xifer tal-pulptu.

Mill-Għarb sa l-Għasri u lura, f'dak il-lejl tal-Milied li nzerta bnazzi ħafna, jiena u Dun Pawl ħadniha bil-mixi. Kien għadu dlamm ċappa xħin tlaqna mill-Għarb, u kif wasalna fin-niżla ta' Sdieri, nisimgħu xi ħadd ġej jiġri warajna. Jiena għall-ewwel ma tajtx każ. Iżda mbagħad Dun Pawl, b'ton imbeżżgħa, qalli għal darbtejn: "Tħarisx lura!" u ħaffifna iżjed, għax bżajna li ġej xi babaw u jaqbadna. Dak li kien ġej warajna, x'ħin qorob iktar lejna, għaraf lil Dun Pawl u sejjaħlu b'ismu għal darbtejn. Dun Pawl dar minnufih, u "X'qatgħa tajtni, b'dak il-ġiri kollu." "Ħa ninżel magħkom", wieġeb l-ieħor. Milli jidher kien xi wieħed minn Wara t'Għammar, li tela' fil-knisja tal-parroċċa għall-funzjoni, imbagħad flok ma mar jorqod, mar f'xi ħanut jixrob xi qatra jew jilgħab xi sold, u sadattant kien jistenna li xi ħadd ikun sejjer lejn t' Għammar, biex ikollu l-wens tiegħu. Milli jidher, mhux b'Dun Pawl u bija biss għamel il-biża', imma anki b'dak iż-żgħażugħ li ma riedx imur d-dar waħdu. Jerġa' dik it-triq, li tgħaddi minn fuq il-mina u tibqa' tielgħa sakemm tikser lejn t'Għammar jew lejn ta' Pinu, ma tantx kellha fama tajba. Difatti ftit il-bogħod mill-arkata, kien hemm għar fil-blat, magħluq b'ħajt, bil-bieb u b'tieqa żgħira, illum għadu jidher biss l-għar imħaffer, u kien hemm ix-xniegħa li xi darba raw xi ħaġa ta' barra minn hawn. Jien ngħid għalija qatt ma rajt xejn hemmhekk. Kos, terġa u tgħid kemm hu komuni l-biża' anki xi darba minn ħwejjeġ żgħar, u kemm hu diffiċli li taħbih u tagħmilha ta' kuraġġuż...

## *Il-Milied fid-dar tagħna: il-presepju, l-ikla speċjali... u l-kunċert mużikali !*

Fid-dar, jiena u xi tfal oħra, konna narmaw xi presepju żgħir u konna nixtru xi ftit pasturi, biex inqegħduhom fih. Konna nżejnuh ukoll bil-leħja tax-xiħ, li tikber fuq xi ħitan qodma, u b'xi frieghi tas-sagħtar li dak iż-żmien ma kienetx xitla protetta. Quddiem il-presepju, konna nqegħdu xi plattin bin-nibbieta tax-xgħir jew tal-ġulbiena. Peress li kważi f'kull familja kont issib xkejjer bil-għalf tal-bhejjem, bħal ma huma baqar u nagħaġ, ma kienx diffiċli li wieħed jikseb ponn żerriegħa, imma mhux dejjem kien jirnexxilna nipproduċu dawk il-ħjut bojod qishom ħarir, minn dak ix-xgħir jew ġulbiena li konna nħejju għall-Milied. Għaliex jekk wieħed iħalli għall-aħħar ġranet, aktarx li x-xgħir ma jilħaqx jikber; jekk tiżirgħu kmieni żżejjed, flok abjad u mil-lewn id-deheb kien jieħu kulur ħadrani li ma kellu ebda gost. Hekk ukoll kien meħtieġ li żerriegha li qegħdin inibbtu, jitħallew fid-dlam għax inkella jikrieħu.

Għall-Milied f'nofs inhar u għal filgħaxija, ommi kienet tħejji ikla tajba bl-imqarrun il-forn, bil-pastizzi u l-qassatat, u ġie wkoll li sa minn ġranet qabel għamlet il-qagħaq tal-għasel bil-qastanija. Hija kellha wkoll biċċa xogħol oħra meta konna għandna żgħar, billi matul il-lejl tal-Milied, taħt l-imħadda kienet tqiegħed xi borża bil-ħelu jew xi ġugarell, li skond id-drawwa ta' dak iż-żmien konna nsejħulu "ir-rigal tal-Bambin".

Wara l-ikla ta' fil-għaxija, meta ma kienx ikun hemm xi teatrin, konna mmorru fid-dar tan-nanna u kienu jiġu wkoll ħafna drabi z-zijiet miżżewġin u xi wħud mill-kuġini. Hemmhekk, konna ngħidu xi talb quddiem il-presepju, imbagħad iz-zija kienet tipprepara l-kokkodina lil mistidnin kollha, u wara s-serata kienet tintemm b'kunċert mużikali, improviżat. U kollox bl-udit. Iz-zijiet l-irġiel kienu jafu jdoqqu xi ftit mużika, wieħed vjolin, l-ieħor kitarra u ieħor kuntrabaxx, u z-ziju l-qassis, il-kbir, jakkumpanjahom kif jista' fuq l-armonju. Kollox ta' daqqa u iġri, imma kien biżżejjed biex isemmgħu xi valzijiet jew xi kanzunetti, iżda mingħajr żfin u mingħajr kant. Meta l-ġenituri tagħna kienu jaraw li għajnejna bdew jingħalqu bin-nagħas u wasal il-ħin tal-mistrieħ, konna nirritornaw fid-dar u norqdu fil-fond.

Dak iż-żmien għadda u mar, iżda anki fi xjuħitna m' hemm xejn ħażin li b'ċerta nostalġija nerġgħu niftakru fih u noħolmu xi ħolma sabiħa dwar tfulitna.




# IL-BIEDJA F'GĦAWDEX

*(Il-Ħdax-il Parti )*

### *Il-Vunglu*

U hawn nieqfu ftit biex ngħidu xi ħaġa aktar fid-dettall dwar il-**Vunglu**. Il-kelma Vunglu hija kelma Għawdxija li tfisser rabta, ħolqa ta' katina, mela allura riħ marbut. Dan huwa r-riħ għoli li bejn wieħed u ieħor jonfoħ dejjem mil-lbiċ, il-punent u l-majjistral. Miegħu jista' jkollna r-riħ baxx li jonfoħ kontra mix-xlokk, mil-lvant jew mill-grigal. Tgħiduli, kif jista' jkun? Ir-riħ jew jonfoħ min-naħa jew minn oħra. Iva, jista' jkun, għax l-atomsfera hija għolja ħafna. Fil-waqt li **r-riħ baxx** huwa momentanju u lokalizzat, ta' dawk il-ġranet u ta' dawk l-inħawi, **ir-riħ għoli** huwa aktar fiss, aktar marbut mas-sistema planetarja, u għalhekk jissejjaħ Vunglu. Biex wieħed josserva dan il-fenomenu, l-aħjar joqgħod ħdejn xi kantuniera ta' bini għoli, jew xi arblu u josserva lejn fejn ikun miexi s-sħab. Ma jdumx ma jintebaħ li s-sħab għoli jkun għaddej kontra r-riħ.

It-tempijiet il-kbar tax-xita jgħaddu mil-lbiċ għall-grigal. Tajjeb li wara li tagħmel xi maltempata kbira wieħed josserva sewwa minfejn jiftaħ l-ewwel l-ajru. Bl-osservazzjoni wieħed waħdu jitgħallem li t-tempjiet kbar tax-xita mhux dejjem jitilgħu minn fejn ikun jonfoħ ir-riħ, imma aktarx mil-lbiċ jew mill-punent.

Għalhekk il-qawl igħidilna, "**Il-Lbiċ, riħ jew xita żgur iġib**". Għall-Għawdxin ir-riħ il-lbiċ hu riħ kattiv minħabba li meta jonfoħ iqanqal ħafna maltemp fil-bokka tal-Port ta' l-Imġarr, il-port ewlieni ta' Għawdex, u jirrendi l-bajjiet tax-Xlendi u Mġarr ix-Xini inaċċessibbli minħabba l-baħar qawwi. Fl-imgħoddi ġie li kien il-kawża ta' inċidenti fuq il-baħar u mwiet. Ma ninsewx li meta kienu għerqu dawk l-Għawdxin li kienu ġejjin bil-luzzu qrib Ħondoq ir-Rummien, dak in-nhar kien riħ ilbiċ. Għalhekk il-qawl igħid, "**Riħ ilbiċ jieħu u ma jġibx**", għax min jegħreq ma jerġax jiġi.

Ir-rabta tar-riħ ilbiċ mal-vunglu titfakkar minn dan il-qawl, "**Il-lbiċ jeħel, il-punent il-lbiċ jilgħab**". Riħ li jkun jilgħab u li ma jkunx sod jissejjaħ **riħ xfert**. Meta l-ajru jibda jtella' mill-punent, jew iberraq mill-punent, stenna x-xita. Dan hu msaħħaħ minn dan il-qawl, "**Il-punent iwiegħed u jagħti**". Iżda dan ma jistax jingħad għar-riħ tramuntana għax "**It-tramuntana mara sewwa, imma fuqha ma torbotx**". Ir-raġuni għal dan hi li t-tempijiet tat-tramuntana aktarx li ma jersqux għal fuqna, imma jibqgħu għaddejjin. Imma r-riħ tramuntana għandu s-siwi tiegħu wkoll. Isimgħu l-qawl ta' missirijietna, "**It-tramuntana mara, tnixxef il-miżwed u tgħaqqad il-qara'**".

Qawl ieħor igħidilna li **"Ir-riħ m'hux tjieb"**. Jiem ta' riħ qawwi, huma jiem ta' maltemp. Iżda l-anqas ma rridu ninsew li l-irjieħ tar-rebbiegħa jagħmlu ħafna ġid għax igħinu fid-dakra ta' bosta pjanti, l-aktar taċ-ċereali, jiġifieri ż-żara', il-qamħ u x-xgħir, li jekk ma jagħmilx riħ ma jiddakkarx u ma jimliex.

### *Il-Ksieħ u l-Bard*

It-temp ma jiksaħx f'daqqa. Fil-fatt, il-qawl Malti jgħid li "**Sal-Milied la bard u lanqas ksieħ.**" Meta l-arja tiksaħ ngħidu, "**Waqa' l-ksieħ**", *jew* "**Waqgħet il-kesħa**". Meta jonfoħ riħ kiesaħ ngħidu, **il-bard**. Jekk wieħed joqgħod fil-bard malajr jista' **jirżaħ**, u min jirżaħ bil-bard jibda **jterter u jċekċek snienu bir-reżħa**, u jista' jispiċċa **mirżuħ bil-bard**. Il-bard jista' jkun kiesaħ ħafna. F'dan il-każ jissejjaħ **bard ta' bora** u hawn min jgħidlu **bard ta' Bona**. **Bard ta' bora** jfisser **bard ixoqq il-għadam** li jonfoħ mill-Grieg il-Lvant, u jista' jkun ġej minn fuq ir-Russja, art fejn tagħmel kesħa kbira ħafna. Riħ ieħor kiesaħ ħafna huwa r-riħ Tramuntana. Għalhekk it-Tramuntana tissejjaħ **dar il-bard**. Iżda l-agħar riħ għal dak li hu bard hemm il-Majjistral. Il-Majjistral fix-xitwa jkun riħ kiesaħ ħafna, u niexef, u għalhekk

**iqaxlef** u **jnixxef** l-aktar is-siġar tal-harrub li jiġu jidhru qishom **żurżieqa**. Ħarsu sewwa lejn siġra tal-ħarrub imżerżqa. Iż-żurżieqa tkun nieżla lejn il-Majjistral.

Fix-xitwa mal-bard u l-ksieħ ikollna wkoll **ix-xita u s-silġ**. Imma f'Malta u Għawdex ma jkollniex ħafna **sluġ** għax il-ftit li jagħmel malajr jinħall u jdub fix-xejn. Imma t-temp jista' jkunu kiesaħ ħafna, kiesaħ silġ, u tkun l-eħfef ħaġa li tisma' min igerger li għandu idejh jew saqajh qishom ***biċċa silġ***.

Meta t-temp jiksaħ ħafna ngħidu li t-**temp qiegħed jinġazza** jew **temp inġazzat.** Dak in-nhar anki l-ilma tal-vit ikun ilma inġazzat. U l-kelma ***ġelu*** tfisser ukoll kesħa kbira, l-aktar meta jkun bnazzi. Meta jkun bnazzi taqa' wkoll **il-ġlata.** Il-ġlata tkun **nida** jew **ġelu** kważi **inġazzat** li tinġabar fuq wiċċ l-art, fir-raba'. Din tagħmel ħafna ħsara lill-uċuħ, speċjalment lill-wiċċ tal-patata, għax iġġib il-mard u l-patata tmut. Ix-xhur tax-xitwa, l-aktar Jannar, Frar u Marzu huma **pampluni tal-ġlajjet**, għax fihom tħobb taqa' l-ġlata ta' sikwit.

Il-kesħa u l-bard tax-xitwa kulħadd iħosshom. Għalhekk il-qawl Malti jgħid, **"Ix-xitwa tagħmel tagħha min ma jkollux biex jilqagħha."** Għax-xahar ta' Jannar jgħidu, **"Jannar bardan, iqaxxar ġild ta' ħmar."** Bardan tfisser iħobb jagħmel il-bard. U kulħadd jinġabar ġewwa. Fl-antik kienu jgħidu, **"Jannar idaħħalna ġo l-għar"**. Għalhekk ir-raġel tal-ħrafa beda jġerger kontra Jannar, "**Qożżot, Qożżot għalik, Jannar, jien u n-nagħġiet tiegħi bqajna ġewwa l-għar**". Dari r-raħħala kien jdaħħlu l-bhejjem tagħhom fil-għar jew fil-mixta minħabba l-kesħa ta' barra, u xi drabi dawn il-għerien jew ***imxieti*** kienu jservu wkoll ta' dar fejn joqogħdu n-nies. Għerien naturali jkunu sħajnin u kennija mhux ftit fix-xitwa u fi żmien il-ksieħ. Illum ngħidu, **"Jannar igezzizna ġewwa d-dar"**, inkella "**Jannar dejjem jitrekken id-dar**". Jannar jaf ukoll ikun inkejjuż. **"Titlobx xita f'Jannar għax jagħmillek is-silġ."** Dan ifisser li f'Jannar m'għandniex għalfejn nitolbu għax-xita għax tagħmel żgur: "**Tgħajjatx xita f'Jannar**". U jekk titlob għax-xita tista' tiġi xi ħaġa aqwa u aktar kiesħa: is-silġ. "**Jannar kiefer u Frar bid-dwiefer**". Dan il-qawl ifakkarna li jekk Jannar hu xahar tal-kesħa, Frar m'hux xi ħelu u jaf jagħmel l-inġazz ukoll. U l-istess Marzu Marzellu, għax dan "**jaħraq il-moxt u r-rixtellu**", jiġifieri jkollna bżonn naħarqu l-injam biex nisħnu għax jagħmel il-ksieħ. "**Marzu bard irqiq jidħol ġol-għadam**", qawl li jfakkarna li f'Marzu x-xitwa tkun għadha magħna. Minkejja r-riħ u l-ksieħ li jagħmlu fix-xitwa, ma rridux ninsew li wara kollox "**Mill-ksieħ u r-riħ jiġu l-egħlejjel**". Qawl ieħor bħalu jfakkarna wkoll li "**Mix-xemx u x-xita jsiru l-egħlejjel**". Iżda jkun x'ikun it-temp il-bidwi jrid jaħdem għax skond il-għajdut ta' missirijietna, "**Kulma tara ġej mill-art, min lilha jaħdem tajjeb la jbati ġuħ u lanqas bard**". Imbagħad jidħol April. U malli jgħaddi dan ix-xahar, il-bard u l-ksieħ jiġu fix-xejn għax skond il-qawl, "**April imut mal-bard, u Mejju jżid il-ward.**" Tkun daħlet **ir-rebbiegħa**.


# ACMA - INOX AND METAL LIMITED

Xogħol ta' tgħawwiġ ta' *pipes* u ta' profili tal-ħadid u *stainless steel* għal kull qies.

Għodda u makkinarju għal tgħawwiġ ta' *pipes* u xogħol ieħor tal-ħadid.

B'XEWQAT SBIEĦ !



Tel: 21 692959, 21 803455 - Fax: 21 803252

Fabbrika: B10c Żona Industrijali Bulebel, Żejtun, ZTN 08, Malta

### *Ir-Rebbiegħa*

Fix-xitwa l-art ta' Għawdex tkun tħaddar b'kull xorta ta' ħaxix, kemm ħaxix ikkultivat, kif ukoll ħaxix selvaġġ. Fix-xhur ta' Jannar u Frar il-bidwi jkun imħabbat ħafna ħalli *jiżbor* id-dwieli u s-siġar tal-frott. Ikun żmien il-bard u l-ksieħ għax skond il-qawl Malti, **"Meta d-dielja tistaħba, in-nies tħoss bard ħafna".** Imma l-ksieħ ma jdumx ma *jbatti, j*iġifieri jonqos, u jidħol ix-xahar ta' Marzu. In-natura terġa' tibda tieħu l-ħajja. Diġa' fi Frar is-siġar tal-lewż ikunu mtlew bl-isbaħ inwar abjad. U f'Marzu l-ġonna tagħna jsiru qishom ġenna ta' l-art bħallikieku għaddiet xi saħħara u bil-bakketta maġika tagħha bidlet dawk iz-*zkuk għerja* (bla weraq) f'bukketti jfuħu ta' ward abjad, roża u ħamrani. Fil-widien u fit-toroq is-siġar ta' ġuda *inawru* wkoll, jiġifieri jimtlew bl-inwar, u jsiru qishom siġar tas-sħarijiet bi fjuri rqaq l-aktar ħelwin bojod jew roża.

*Ir-rebbiegħa* hija s-sebħ tas-sena. U **"Marzu, ir-rebbiegħa tal-bhejjem, ħaxix u laħam". "F'Marzu l-għasfur jiġbor 'il martu".** Għalhekk l-arja timtela bit-tpespis tal-għasafar, u fi ftit żmien ieħor il-frieħ il-ġodda jtiru mill-bejtiet tagħhom. Għax **"f'Marzu kull tajr ibid,"** u minn dak il-bajd *jofqos* tajr ġdid u hekk in-natura tiġġedded. Qawl ieħor jgħidilna, **"Marzu, iż-żara' bis-sbula f'ħalqu".** Mhux ta' b'xejn imbagħad lill-għasfur ngħidulu, **"Ja għasfur, tbaħbaħ u nfela, waslet għalik ir-rebbiegħa, ladarba fl-art ix-xgħir mela."**

Hekk ukoll il-bhejjem tar-razzett, *in-ngħaġ u l-mogħoż* ikollhom *il-ħrief u l-gidjien* tar-rebbiegħa. Dawn, imbagħad, insajruhom fi żmien il-Għid il-Kbir, għax **"żmien il-ħaruf, l-ixkora tal-patata tibda tħuf".**Ħafna ħrief u gidjien jispiċċaw imsajrin mal-patata l-forn! Saħansitra *n-naħal* fir-rebbiegħa jlesti ħalli l-frieħ tan-naħal jinfirdu minn xulxin. Il-qawl Malti jixhed dan, *"Għar-rebbiegħa, in-naħla tkun lesta għall-għerusija".* In-naħla, *ir-reġina tan-naħal,* ittir fil-għoli, tiżżewweġ ma' wieħed min-naħal irġiel, imbagħad tgħaddi ħajjitha tbid biex jitnissel ħafna naħal ieħor u hekk ikollna iżjed *frieħ tan-naħal* li jagħmlu għasel mill-aktar bnin. ***Ferħ naħal*** tfisser ħafna naħal li jkollu x-xehda tal-għasel.

Il-bidwi jkollu ġmiel ta' wċuħ fir-raba': ful, piżelli, ġulbiena, patata, żara' u silla... kollha jistennew ix-xita. U mhux xita biss ikun irid il-wiċċ taż-*żara',* jiġifieri tal-qamħ u xgħir, imma r-riħ ukoll. Għalhekk f'April u Mejju jagħmel ir-riħ, biex is-sbul jieħu d-dakra u hekk jimla u jeħxien. Mingħajr riħ il-bidwi ma jkollux ***tgħam*** sabiħ. Tgħam ifisser qamħ u xgħir. Fix-xagħri, fil-moxa, fir-raba' ġmiem (mhux maħdum), fil-widien, fil-wileġ, mal-ħitan, il-pjanti selvaġġi jibdew jarmu kull xorta ta' ward. Fjuri bojod jew sofor tal-ġarġir, ward qisu xmux sofor sofor tal-lellux, ward ħamrani tas-silla, fjuri vjola ta' ħabb il-qamħ, ward isfar ta' l-Ingliża, fjuri bojod ta' denb il-ħaruf, stilel ċelesti jew bojod tal-fidloqqom, u umbrelel sfajrin tal-ferli u tal-bużbież. U hawn lanqas ma semmejna kollox għax kieku konna nsemmu wkoll il-ħarira kaħla, il-ħarira ħamra, il-fjuri vjola tal-ħubbejża, in-narċiż imwaħħar, il-papoċċi tal-Madonna, u l-fjuri qishom stilel bojod ta' ħalib it-tajr. Sewwa jgħid il-qawl, **"April jagħmel il-fjuri, u Mejju jieħu l-unuri."**

Quddiem il-qawmien u l-għeġubijiet l-oħra tan-natura fir-rebbiegħa, m'għandhiex għax niskantaw li l-Knisja tagħna tfakkarna fl-akbar u l-aqwa qawma: Il-qawmien ta' Kristu mill-mewt. L-ikbar rebħa, l-ikbar festa, il-Għid il-Kbir, bil-figolli u l-bajd miksija b'kull xorta ta' karti mlewna, xejn inqas mill-ilwien u l-kuluri li naraw ma' kullimkien f'dan iż-żmien. Għall-bdiewa tagħna l-festa tal-Għid tkun tfisser ukoll li għalqilhom żmien ieħor meta huma għandhom iħallsu parti mill-qbiela tar-raba' billi dawk li jkollhom ir-raba' tal-Gvern il-ħlas isir kull erba' xhur: fil-Milied, fil-Għid il-Kbir u f'Santa Marija.

**(Jissokta)**




L-Eċċellenza Tiegħu
*Mons. Nikol Ġ. Cauchi*
*Isqof ta' Għawdex*
jawgura l-
***Milied it-Tajjeb***
***u***
***Sena Ġdida 2003***
mimlija bil-Barka t'Alla
lill-qarrejja kollha
ta'din ir-rivista

**LANTERN**
**Guest House**
**Restaurant • Pizzeria**
MARSALFORN - GOZO

Tel: 562365 • Fax: 556285
Mobile: 09877648 / 09883028
Residence: Tel: 554186
E-mail: romx@vol.net.mt

SEA VIEW APARTMENTS ALSO AVAILABLE

A Whole New Look

*Sharmain's Styling Salon*

57,
St. Joseph Square
Qala, Gozo
Tel: 2156 6236

**Xerri l-Bukkett**



**Bar**
**Restaurant Pizzeria**
*Dine while enjoying the best view in the Maltese islands*
Triq iz-Zewwieqa Qala
**Tel. 553500**



**GELAT TA' VERU... ...DOQTU???**
**BAXAN ORIGINAL**

**SMUGGLER'S CAVE**
BAR • RESTAURANT • PIZZERIA
IL-MENQA - MARSALFORN - GOZO
TEL: 551005 - 551983 FAX: 559959

**TEKNO ZONE**

T.V.'s, Hi Fi Systems, Mobile Phones & Accessories, Cordless Phones, Car Audio & much more.

Call Peter & Maureen Mercieca

Fortunato Mizzi Street, Victoria, Gozo, Malta.
Tel/Fax: 21565304 Mobile: 09491809 / 09854176
e-mail: teknozon@maltanet.net



**IL TERRAZZO**
**Bar & Restaurant**
*• St. Simon Street, Xlendi, Gozo •*

Host: **Joseph Mercieca**
Tel: 562992, 556594 • Mobile: 0944 6833 • Pager: 357 4242
E-Mail: www.terrazzo@waldonet.net.mt
Web Site: www.gozo.com/terrazzo


**FUQ L-INTERNET**

**RADJU R.T.K. - 103 / 97.8 FM Stereo**
**http://www.rtk.org.mt**

**IL-ĦAJJA F'GĦAWDEX**
**http://www.gozodirect.com/lumenchristi**




# ĠUŻEPPI GRECH U L-MITĦNA TA' KOLA FIX-XAGĦRA (2)

(Ikompli mill-aħħar ħarġa)

***Ir-riħ***

L-imtieħen ma setgħux jitħaddmu f'riħ qawwi għax dan seta' jikkaġuna ħsara kbira kemm fil makkinarju kif ukoll fl istruttura tal mitħna stess. F'bosta maltempati ġew irrappurtati ħsarat kbar lill-imtieħen speċjalment bl-irwiefen u s-sajjetti. Ġew ikkaġunati anke mwiet ta' nies b'konnessjoni mal-imtieħen. Min-naħa l-oħra ġranet bla riħ kienu jirrendu lill-imtieħen bla enerġija u hekk ma setgħux joperaw. It-taħħan kien jistenna bil-ħerqa kollha, għal jiem sħaħ, riħ tajjeb għat-tħin u meta fl-aħħar dan jasal it-taħħan bilġri bilġri jitla' fuq il-bejt tal-għorfa u minn hemm isemma' l-bronja biex isejjaħ lin-nies tal-madwar tiegħu biex jeħdulu l-qamħ biex jitħanulhom. Meta dan ir-riħ kien jonfoħ anke fi ġranet tal-obbligu jew fil-Ħdud, il-Knisja kienet tagħti permess biex isir it-tħin fihom ukoll. It-taħħana kienu eżentati milli jagħmlu l-għassa tad-dejma biex ikunu jistgħu jieħdu ħsieb l-imtieħen tagħhom lejl u nhar. Kien importanti ħafna li t-taħħan iżomm il-makkinarju tal-mitħna f'kundizzjoni tajba. Għalkemm it-taħħan kien jgħix mal-familja tiegħu fil-mitħna, mhux dejjem kien idaħħal flus biżżejjed biex imantniha, għalhekk kien jeħtieġlu jfendi rasu f'xogħol ieħor bħat-trobbija tal-annimali u tat-tjur, u fil-biedja.

***Il-monopolju fuq l-imtieħen***

L-ingliżi qatgħu l-monopolju tal-imtieħen minn idejn il-gvern, li kien ilu f'idejh għal 150 sena, u allura kull min ried, seta' jibni l-mitħna tiegħu. Madwar l-1880, f'Għawdex biss kienu jaħdmu ħmistax -il mitħna. Dan ovvjament ħoloq kompetizzjoni kbira bejn it-taħħana. Minħabba li t-toroq kienu fi stat ħażin ħafna speċjalment fix-xhur tax-xitwa, it-taħħana tal-irħula kienu jbatu bil-bosta, allura kien sar ftehim bejn dawn it-taħħana u l-klijenti li kellhom biex flok li l-klijenti jmorru huma l-mitħna, ikun hemm xi ħadd li jarma karrettun bil-bagħal jew biż-żiemel u jmur jiġbor hu l-qamħ, u meta jkun intaħan jerġa jeħodulhom lura. Il-bhima kien ikollha qanpiena mdendla m'għonqa li tavża lin-nies li jkun wasal il-ġbir tal-qamħ. Ġieli ndaqqet ukoll il-bronja għall-istess raġuni.

Matul il-mitejn sena li damu jintużaw l-imtieħen tar-riħ, kienu tliet familji l-aktar li ddominawhom. Dawn kienu dawk ta' Scicluna, Grech u Camilleri. Dawn kont issibhom kemm f'Malta kif ukoll f'Għawdex. Insemmi biss li matul l-għoxrinijiet tas-seklu dsatax insibu li l-familja Scicluna kellha taħt idejha mtieħen f'Ħal Lija, fis-Siġġiewi, f'Bir-id-Deheb, f'Ħal Luqa u fil-Qrendi, f'Malta u fix-Xagħra, fl-Għarb u fix-Xewkija, f'Għawdex.

Fis-sena 1887 f'Għawdex waslu l-ewwel imtieħen li kienu jaħdmu bl-istim, u din kienet l-ewwel daqqa ta' ħarta għall-imtieħen tar-riħ. Ħafna minnhom kellhom jagħlqu u baqgħu jintużaw biss bħala djar. Oħrajn baqgħu jagħmlu xogħol żgħir, bħat-tħin tal-ġwież għall-annimali u tal-ful għas-sajjieda, li kienu u għadhom jużawh bħala lixka fin-nasses.

# IL-MITĦNA TAR-RIĦ







***A. Il-mekkaniżmu fuq barra***
*1. L-antenni jew id-dirgħajn;*
*2. Il-parjol; 3. L-antennari;*
*4. L-arblu; 5. Il-bur; 6. Il-kultellazz;*
*7. Il-maġġura jew il-qlugħ il-kbir;*
*8. It-tromba; 9. It-toqob tat-tektuka;*
*10. Il-brazzol tal-bum; 11. Il-bum.*

***B. Il-mekkaniżmu fuq ġewwa***
*1. Il-pinnur; 2. Iċ-ċuplajs; 3. Il-parjol;*
*4. Id-dawwara; 5. Is-salib; 6. L-arblu;*
*7. Il-kastanjol; 8. L-istrinġi; 9. L-istivatu; 10. Il-laqqata;*
*11. Id-delu; 12. Il-miżieb; 13. Il-waqqafat; 14.Il-ġebla ta' fuq; 15. Il-ġebla ta' taħt;16.Id-dawr;*
*17. In-nasba; 18.Il-kavetta; 19. Il-bank; 20. Il-katusa; 21. Il-gżari; 22. L-ixkejjer; 23. Ir-raf.*

## *Il-makkinarju tal-mitħna*

Fuq barra nsibu sitt antenni tal-injam. Kull antenna hija madwar tmien metri u nofs twila, li mat-tarf tagħha hemm gradilja tal-injam ukoll li fuqha jintrama l-qlugħ. Il-qlugħ kien jintrama skond is-saħħa tar-riħ. L-antenni jkunu marbuta ma' ras l-arblu li jdawruh u li miegħu hemm ingastata d-dawwara fuq in-naħa ta' ġewwa tal-parjol. Id-dawwara fiha ngranaġġ li jdawwar il-laqqata, li minn naħa tagħha ddawwar il-ġebla ta' fuq. Din iddur fuq il-ġebla ta' taħt, li tkun stabbli, u titħan il-qamħ li kien jaqa' bil-mod il-mod minn ġod-delu, li jkun fuq il-ġebla ta' fuq, għal ġol-ħofra tan-nofs.

## *Il-ġebliet tat-tħin*

Uħud mill-ġebliet li jintużaw fit-tħin kienu jiġu mpurtati minn Barċellona fi Spanja, minħabba li din it-tip ta' ġebla ma tinstabx f'pajjiżna. Kienu jibżgħu ħafna għaliha, għax minbarra li li kienet tqum il-flus (fl-1777 kienu bidlu l-ġebla ta' fuq u swiet 80 skud) għax kienet impurtata, kienet tirrikjedi biċċa xogħol kbira biex tinbidel, peress li ried jinqala' l-parjol bil-makkinarju sal-ġebla li tkun trid tinbidel, u kienu jtellgħuha minn barra t-tromba.

Il-parjol kienu jdawruh skond minn fejn jonfoħ ir-riħ. Dan kien isir minn ġewwa billi kienu jiżganċjawh mix-xkiel, imbagħad b'lievi jistrieħu fuq imsiemer kbar tal-ħadid, li kienu jidħlu f'toqob apposta mad-dawra tan-naħa ta' fuq tat-tromba, eżatt qabel ma jibda l-parjol; kienu jdawwru l-parjol bil-makkinarju b'kollox. Kienet biċċa xogħol kbira bħal kull xogħol ieħor konness mal-mitħna tar-riħ.



*Franġisk Portelli, li sama' hu wkoll leħen il-Madonna.*

# Franġisk Portelli (1850-1926)

*jikteb Angelo Xuereb*

Franġisk Portelli, flimkien ma' Karmni Grima, għandu rabta kbira mal-ġrajja tal-Madonna ta' Pinu, li ħalliet frott spiritwali kemm fi gżiritna kif ukoll il-barra minn xtutna.

Franġisk Portelli twieled fir-raħal ta' l-Għarb fis-6 ta' Ottubru 1850. It-tfulija tiegħu għaddiha bħat-tfal u ż-żgħażagħ l-oħra tar-raħal ta' dak iż-żmien. Għal xi żmien mar l-iskola fejn tgħallem jikteb u jaqra. Sa minn meta kien għadu żgħir kien jgħaddi l-mistrieħ tiegħu jħawwel u jsaqqi x-xitel ħalli jpoġġihom quddiem il-Madonna. Ix-xewqa ta' ħajtu kienet li jiddedikaha lil Ommna tas-Sema fl-Ordni Karmelitan bħala ajk. Iżda kellu jħalli din t-triq u reġa lura f'dar ommu li kienet teħtieġ l-għajnuna tiegħu.

Aktar il-quddiem, Franġisk flimkien ma' ħutu subien Nikol, Karmnu u Nardu nkitbu mat-terzjarji tal-Kapuċċini. Dak inhar it-terzjarji kien ikollhom laqgħa darba fix-xahar li kienet tikkonsisti f'quddiesa u talb ieħor. Barra minn hekk it-terzjarji kellhom bosta dmirijiet oħra spiritwali, fosthom li jirċievu ta' spiss s-sagramenti, jitolbu u jagħmlu eżami tal-kuxjenza kuljum, kif wkoll jgħidu t-talb ta' qabel u wara t-tqarbin.

Ix-xogħol tiegħu kien fir-raba' u ġie li kien jgħin lil ħutu fix-xogħol ta' ħaddieda, iżda qatt ma tgħallem din is-sengħa. Jibqa' jissemma bħala dik l-persuna li Karmni Grima afdat miegħu s-sigriet li kienet kellmitha l-Madonna. Meta qaltlu l-ewwel darba, bħala persuna ta' ftit kliem wera ruħu kuntent b'dan iżda ma żied xejn aktar. Meta f'okkażjoni oħra Karmni Grima kienet qegħda titkellem miegħu u staqsietu jekk qattx sema' xi ħaġa fil-kappella, huwa afdalha dan is-sigriet. Il-Madonna kellmitu mix-xbieha tagħha, u rrakkmandatlu li jkun devot lejn il-pjaga il-moħbija ta' Binha Ġesu`.

Ismu jibqa' marbut mal-ġrajja tal-Madonna ta' Pinu billi ta' xhieda ta' l-ewwel miraklu li seħħ permezz tagħha. Ommu Ċensa kienet mixħuta bla saħħa f'sodda minħabba marda tal-qalb u kienet waslet f'xifer il-mewt. Franġisk u ħutu Nikola u Nardu marru jżuru l-Kappella ta' Pinu u għamlu wegħda li jekk ommhom tiġi għall-aħjar, idendlu lampier quddiem ix-xbieha tal-Madonna, u kull meta jkunu jistgħu joffru ż-żejt. L-għada ommhom irkuprat u għexet sentejn oħra.

F'Ġunju tal-1887 Franġisk flimkien ma' Karmni Grima għamlu stqarrija quddiem l-Isqof Pietru Pace taħt ġurament, dwar dak li kienet qaltilhom il-Madonna ta' Pinu.

Huwa baqa jħobb sa mewtu b'imħabba kbira lill-Madonna. Fis-7 festi prinċipali tal-Madonna, flimkien ma' Karmni Grima, daqqa fid-dar tiegħu u daqqa oħra fid-dar tagħha, kienu jorganizzaw festa ċkejkna u kienu jistiednu anki xi saċerdot għaliha.

Franġisk miet fl-4 ta' Frar 1926. Illum jinsab midfun fis-Santwarju ta' Pinu maġenb Karmni Grima.







*Eħilsu mill-qilla tax-xemx u sebbħu djarkom bil-Vertical & Venetian Blinds & Roller Shades ta'*

**Tony Camilleri**

VARJETÀ KBIRA TA' BLINDS U SHADES TAD-DRAPP, ALUMINIUM U PLASTIC, KIF UKOLL FLY SCREENS.



**KOLLOX BI PREZZIJIET RAĠJONEVOLI**

*Għal aktar dettalji rrikorru għand:*

GOZO VERTICALS & SHADES LTD.

David Cocco Palmieri Street, Nadur, Gozo
Tel. 21553352/21562211 - Mob. 999 5001 - Fax 21562211

TAL-ĦWAWAR

*Issa tista' tħawwar il-borma bħal dari*

*Issib Ħwawar, Ħxejjex Aromatiċi, Frott Imqadded għall-Ħelu u Prodotti oħrajn għall-ikel.*

**14-15 KERĊEM ROAD, VICTORIA VCT 104, GOZO.**
**TEL: 2156 2160**

# int u saħħtek



*Dr. Mario Saliba M.D.*

## It-Tniġġis ta' l-Arja

Ftit tas-snin ilu konna nemmnu li t-tniġġis ta' l-arja huwa xi fenomenu li ma jolqotx lill-gżejjer Maltin. Konna naħsbu li f'Malta u iktar f'Għawdex ma għandniex din il-problema. L-arja friska u nadifa li f'ċerti postijiet għadna ngawdu rridu nibżgħu għaliha. Il-kwalita` ta' l-arja qegħda tkun mhedda u rridu nieħdu miżuri stretti biex kemm jista' ikun intejbu l-kwalita` ta' l-arja li nieħdu n-nifs minnha u għalhekk direttament qegħda taffettwa lil saħħitna.

Illum hawn mezzi biex inkejlu l-kwalita` ta' l-arja ta' madwarna. Jeżistu strumenti biex ikejlu l-ammont ta' tniġġis li hemm fl-arja. Permezz ta' dawn l-istrumenti nkunu nistgħu nieħdu dawk il-prekawzjonijiet li hemm bżonn biex nirranġaw il-problema jew ta' lanqas ma nħalluhiex tiżdied. Dwar il-livelli aċċettabbli ta' tniġġis ta' arja hemm regolamenti internazzjonali li suppost il-pajjiżi li aċċettaw dawn ir-regolamenti għandhom jimxu fuqhom. Wieħed minn dawn il-protokolli huwa dak ta' Montreal li ġie fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 1989. Dan il-ftehim internazzjonali jittratta dwar l-effett tat-tniġġis ta' l-arja madwar id-dinja u jirregola l-użu tas-sustanzi li jnaqqsu faxxa ta' l-*ozone* fl-atmosfera. Dan huwa faxx ta' arja li jipproteġi lilll-bniedem mir-raġġi UV tax-xemx.

Gass velenuż li nsibuħ fl-arja huwa s-*sulphur dioxide*. Dan huwa kkważat kemm mid-dħaħen tal-karozzi, mill-fabbriki u minn xi impjant kbir bħalma hija l-*power station* tal-Marsa. L-ammont ta' *sulphur dioxide* li joħrog mill-karozzi jista' jitnaqqas bl-użu ta' *diesel* ekoloġiku u dak mill-fabbriki permezz ta' filtrijiet apposta li ma jħallux dawn il-gassijiet velenużi jmorru fl-arja. Bejn l-1998 u l-2001 l-ammont ta' *sulphur dioxide* imkejjel naqas bi 8% biss. Iżda minkejja li s-sitwazzjoni totali f'Malta hija tajba u konformi mal-liġijiet internazzjonali hemm ċerti postijiet, bħall-Marsa f'Malta, fejn trid issir sorveljanza kontinwa biex ikun evitat livell għoli ta' dan il-gass velenuż. Dawn "l-irqajja sħan" ta' *sulphur dioxide* jistgħu jiffurmaw għal perjodu qasir u huma ta' ħsara għall-bniedem.

Gass ieħor velenuż li nsibu fl-arja huwa n-*nitrogen dioxide*. Dan il-gass huwa ffurmat mid-dħaħen tal-karozzi. F'postijiet fejn it-traffiku jkun intens, speċjalment fis-sigħat ta' fil-għodu bejn is-7.00 u d-9.00, il-livell ta' *nitrogen dioxide* fl-arja jaqbeż il-limiti permissibbli. Dan kien imkejjel f'postijiet bħall-Furjana fejn ikun hemm konġestjoni tat-traffiku f'ċerti ħinijiet tal-ġurnata. Ma nafx jekk il-livell ta' *nitrogen dioxide* fir-Rabat, Għawdex, qattx kien imkejjel speċjalment fil-ġranet tas-sajf fejn l-ammont ta' traffiku huwa kbir ħafna. Biżżejjed li wieħed jiftakar li għal kull vettura privata hawn biss 1.6m ta' spazju. Dan qed joħloq problema kbira ta' konġestjoni tat-traffiku f'ċerti postijiet u f'ċerti ħinijiet. F'dawn il-postijiet qed ikun hemm tniġġis ta' l-arja li huwa ta' detriment għas-saħħa tagħna. Barra li jagħmel ħsara lil saħħitna qed inaqqas il-kwalita` tal-ħajja tar-residenti tal-lokal. Aparti l-inkonvenjenza li dawn il-karozzi kollha joħolqu, nies li jgħixu f'dawn il-postijiet ikollhom iżommu it-twieqi ta' darhom magħluqa minħabba d-dħaħen. Kulħadd jaf li sintomu komuni huwa l-uġieħ ta' ras li dawn id-dħaħen jikkawżaw, flimkien mal-ħsejjes tat-traffiku li huwa ukoll forma ta' tniġġis. Biex intejbu din is-sitwazzjoni irid isir sforz kbir biex it-trasport pubbliku jitjieb, ħalli dak li jkun jagħmel iktar użu minnu speċjalment għall-affarijiet ta' kuljum bħalma huwa l-ivvjaġġar għax-xogħol.

Miżura li ser tgħin biex jitnaqqas it-tniġġis ta' l-arja mill-karozzi hija t-tneħħija mill-konsum ta' *petrol* biċ-ċomb fl-aħħar ta' din is-sena. Barra minn hekk qed titjieb il-kwalita` ta' *petrol* u *diesel fuels*. F'Malta, minn Jannar 2001 iċ-ċomb fil-*fuel* impurtat f'pajjiżna tnaqqas minn 0.4 c litru għal 0.15g c litru. Barra minn hekk, bl-introduzzjoni tat-testijiet tal-vetturi (VRT)

qed jitnaqqas it-tniġġis, għax parti mit-*test* huwa biex jikkontrolla d-dħaħen mill-vetturi. L-għan ta' din il-liġi huwa li jitnaqqas it-tniġġis u għaldaqstant titjieb is-saħħa taċ-ċittadin. Kulħadd jaf li llum l-karozzi moderni meta jużaw l-aħjar *fuel* iħammġu inqas l-ambjent. Jiena nissuġġerixxi lill-Kunsill tar-Rabat, Għawdex biex jieħu l-inizjattiva għall-kampanja "Arja Nadifa għall-Belt Victoria". Fost affarijiet oħra jista' jitlob biex darba fis-sena jkun hemm ġurnata li matulha ma jinsaqux karrozzi fir-Rabat.

Biex nuri kemm d-dħaħen tal-karozzi huma ta' ħsara, insemmi ukoll li barra l-gassijiet velenużi li semmejna nsibu ukoll kimiċi oħrajn li jistgħu jikkawżaw il-kanċer fil-bniedem. Fost dawn insibu il-benżina li tinsab fl-arja fejn hemm ħafna dħaħen. Din is-sustanza velenuża tista' titnaqqas billi jsir xi addattament fil-magna tal-karozza u jitwaħħlu dawk li jissejjħu "*catalytic converters*". S'issa ma hawn l-ebda kontroll fil-ħruġ ta' dawn is-sustanzi u għadu ma qed isir xejn biex titjieb is-sitwazzjoni. It-trab fin li jinġema' fit-toroq huwa tip ieħor ta' tniġġis. Dan meta jitħallat mad-dħaħen u jidħol fil-pulmuni tagħna jagħmel ħafna ħsara lil saħħitna. Wieħed mill-fatturi li qed iżid l-inċidenza tal- marda ta' l-ażma u tal-kanċer huwa propju t-tniġġis ta' l-arja. Kien ipprovat bi studji li saru hawn Malta stess li n-numru ta' tfal li qed ibatu bl-ażma żdied hawn Malta speċjalment f'postijiet traffikużi fejn hemm ħhafna dħaħen. Id-dħaħen tal-karozzi jistgħu ukoll ikollhom effett ħażin fuq min ibati b'mard ieħor tal-pulmuni jew mard kroniku tal-qalb.

Huwa importanti li l-bniedem jgħix iktar komdu izda fl-istess ħin bil-kumdita` li jkollu ma jkunx jagħmel ħsara lill-ambjent ta' madwaru. Jiena nemmen li għandu ikun hemm bilanċ bejn il-mod kif ngħixu u l-bżonn li nżommu l-ambjent nadif. Għandu jkun hemm ukoll ħarsien strett tar-regolamenti kontra t-tniġġis u nfurzar tal-liġijiet kollha. Bħala individwi għandu jkollna kuxjenza ekoloġika u nibżgħu għall-ambjent ta' madwarna u mhux nwaħħlu f'dak u l-ieħor. Kulħadd għandu jħossu responsabbli li jieħu ħsieb l-ambjent ta' madwaru; b'hekk inkunu ngħinu biex inżommu pajjiżna nadif u sabiħ. Wara kollox jekk ikollna arja nadifa u ambjent sabiħ inkunu intejbu il-kwalita` ta' ħajjitna u ngħixu aħjar u iktar f'saħħitna.

Peress li dan huwa l-aħħar artiklu għal din is-sena nixtieq nawgura lill-qarrejja kollha u l-familji tagħhom: Il-Milied it-Tajjeb u Sena Mimlija Risq u Paċi.

*L-indirizz eletroniku ta' Dr Saliba huwa: msaliba@waldonet.net.mt*

## *Mill-Ittra Apostolika tal-Papa Ġwanni Pawlu II "Rosarium Virginis Mariae"*

# *Il-MISTERI tar-RUŻARJU*

| | |
|---|---|
| **It-Tnejn** | *Il-Misteri tal-Ferħ.* |
| **It-Tlieta** | *Il-Misteri tat-Tbatija.* |
| **L-Erbgħa** | *Il-Misteri tal-Glorja.* |
| **Il-Ħamis** | *Il-Misteri tad-Dawl.* |
| **Il-Ġimgħa** | *Il-Misteri tat-Tbatija.* |
| **Is-Sibt** | *Il-Misteri tal-Ferħ.* |
| **Il-Ħadd** | *Il-Misteri tal-Glorja.* |

### *Il-Misteri tad-Dawl* (nhar ta' Ħamis)

1. Meta Sidna Ġesu` Kristu tgħammed fix-xmara Ġordan.
2. Meta Sidna Ġesu` Kristu wera min hu fit-tieġ ta' Kana.
3. Meta Sidna Ġesu` Kristu ħabbar is-Saltna ta' Alla u sejjaħ għall-indiema.
4. Meta Sidna Ġesu` Kristu tbiddel quddiem l-Appostli fuq il-muntanja Tabor.
5. Meta Sidna Ġesu` Kristu waqqaf l-Ewkaristija, it-tifkira tal-Misteru ta' l-Għid.

*Aqta' dan it-tagħrif, jew agħmel kopja tiegħu, u żommu quddiemek biex tista' timxi fuqu.*




Links Travel
Your link to the world!
Organisers for Group Tours, Honeymoons, and all other types of Worldwide Travel
47, Republic Street, Victoria, Gozo VCT 103, Malta.
**Tel:** 356 2156 0180, 356 2155 6476 **Mob:** 9949 5700
**Fax:** 356 2156 0181
**Email:** travel@linksmalta.com **Web:** www.linksmalta.com




# "Għin biex Trebbaħna" -Maratona Sportiva Suċċess

Fl-aħħar tal-ġimgħa ta' Ottubru fil-Kumpless Sportiv tas-Seminarju nżammet maratona sportiva bi skop ferm nobbli, dak ta' solidarjeta` bl-isports. Fil-fatt din il-maratona ta' 36 siegħa kellha l-ħsieb prinċipali li titqajjem kuxjenza favur żewġ fondazzjonijiet Għawdxin li qed jagħtu sehem importanti fil-ħajja Għawdxija u anke dik Maltija. Dawn joffru servizz ta' 24 siegħa kuljum lil kull min ikollu bżonn is-servizz tagħhom. L-iskop ta' din il-maratona kien ukoll li jinġabru fondi li jkunu ta' għajnuna għal dawn il-fondazzjonijiet, li huma l-OASI u l-ARKA.

Din l-idea nibtet propju fl-istess Kumpless Sportiv tas-Seminarju fejn l-amministrazzjoni sportiva ħarġet b'din l-idea tal-maratona. Minkejja li din kienet xi ħaġa prattikament ġdida għal Għawdex, ġie ffurmat kumitat u beda jsir ħafna xogħol biex l-organiżazzjoni tkun waħda tajba u b'hekk ikun hemm ċerta garanzija ta' suċċess. Bdew id-diversi kuntatti ma' personalitajiet distinti. Kuntatti oħra saru ma' diversi entitajiet sportivi lokali li effettivament kellhom ikunu huma l-protagonisti prinċipali ta'din l-attiva` sportiva twila. Saru appelli wkoll lill-Kunsilli Lokali biex dawn, mhux biss jagħtu d-donazzjonijiet tagħhom, iżda jħajjru liċ-ċittadini rispettivi biex jipparteċipaw b'xi mod f'din il-manifestazzjoni sportiva. Ma setax jonqos li jsiru appelli wkoll lill-Arċipreti u Kappillani biex javżaw fil-knejjes tagħhom. Dan ix-xogħol kollu kien bi skop wieħed. It-tħejjijiet baqgħu għaddejjin b'ritmu mgħaġġel.

Il-Kumitat ħa ħsieb ukoll biex jagħti lil din il-maratona ċerta identita` billi għażel il-*motto* u d-diska uffiċjali. Bħala *motto* nstab wieħed applikabbli ħafna, "Għin biex trebbaħna". Hija verita` assoluta li dawk kollha li jinsabu jieħdu l-kura f'dawn iż-żewġ fondazzjonijiet jeħtieġu lilna li ninsabu barra, li bl-appoġġ u l-għajnuna tagħna ngħinuhom jirkupraw sitwazzjonijiet pjuttost diffiċli. Pero` bis-sapport ta' bosta dan l-irkupru ta' tant persuni jista jsir realta`. Imbagħad bħala kanzunetta intagħżlet "Imħabba Unika` ta' Pamela Bezzina, kanzunetta adatta ferm għal okkażjoni bħal din.

Il-ġurnata tant mistennija, 26 t'Ottubru waslet ukoll, u diversi atleti telqu b'ġirja bit-torċi mill-OASI u l-ARKA, u wara li nxtelgħet l-urna, l-E.T. Monsinjur Isqof Nikol Cauchi kkonċelebra l-quddiesa għall-atleti kollha. F'din il-maratona sportiva saru diversi *tournaments* għal diversi tipi ta' *sports*. Fil-fatt intlagħab l-*football 5-a-side, aerobics, chess, table-tennis, volleyball, billiards, basketball* u anke ġirjiet ta' 2km u 4 km għall-istudenti. Fil-*football* saru diversi *tournaments* għal bosta kategoriji. Minn barra

Għin biex TREBBAĦNA





dawn l-attivitajiet sportivi, inżammet ukoll *car wash* quddiem l-*Arcadia* u dan biex jinġabru iktar fondi. Din il-maratona kienet taħt il-patroċinju ta' l-Isqof ta' Għawdex u kienet inawgurata mill-Ispeaker Anton Tabone.

Minbarra dawn l-attivitajiet sportivi kollha, l-kumitat organizzattiv ħa ħsieb biex f'kull serata joffri spettakklu ta' talent lokali biex jattira lill-familji kollha. Fost dawk li ħadu sehem kien hemm Ira Losco, John Bundy, Claudette Pace, Renato, Adelina Attard, Debbie Scerri, Olivia Lewis, Alison White Dancers, Pamela Bezzina, Miriam Christine Borg, Mario Caruana, *The Tramps*, YADA *Dancers, Body Art Dance Group*, Elaynia Caruana, Marbeck Spiteri, Melissa Xuereb, Christabel Bajada, Teddy Zammit, l-Kor Fjur t'Assisi u Cicco *the Clown*. Waqt dawn iż-żewġ serati ttellgħu diversi *spot prizes* għal dawk preżenti kif ukoll anke għal dawk li offrew id-donazzjonijiet tagħhom permezz tat-*telephone*.

Tajjeb li wieħed isemmi li din il-maratona ġibdet ukoll lejha diversi personalitajiet distinti fosthom il-President ta' Malta u l-Prim Ministru. Attendew ukoll l-*Ispeaker* tal-Kamra tar-rappreżentanti, l-Ministru għal Għawdex, id-Deputat Kap tal-Oppożizjoni, kif ukoll diversi Membri Parlamentari. Din il-maratona ġiet fi tmiem tagħha b'mod eċċezzjonali fost żfin, briju u atmosfera ta' festa b'kant minn Ira Losco flimkien ma' l-atleti kollha li ngħaqqdu magħha fuq il-*court*.

Din il-maratona ngħatat ukoll importanza minn diversi stazzjonijiet tar-radjijiet lokali, iżda l-kumitat organizzattiv ħassu urtat għal mod li l-ebda stazzjon tat-televiżżjoni ma sab ftit minuti biex jagħti pubbliċita` lil din il-manifestazzjoni, meta f'ċirkostanzi simili għal attivitajiet li jsiru f'Malta jintwerew fuq diversi stazzjonijiet lokali. Iżda s-suċċess ta' din il-maratona joħroġ mis-somma miġbura, fejn it-total kien ta' Lm6048. U dan, meta wieħed jikkunsidra li din kienet l-ewwel attivita` simili f'Għawdex, bilfors għandu għax joħrog sodisfatt. Fil-fatt dan is-sodisfazzjon kien espress mill-istess kumitat organizzattiv li xtaq pubblikament li jirringrazzja lil dawk l-atleti u voluntiera kollha li taw is-sehem tagħhom, kif ukoll lill-isponsors li kienu *Victor J Borg Enterprises*, *J. Debono Printing* u l-*APS Bank Ltd*.





# kurżitajiet minn madwar id-Dinja

*miġbura minn Pierre Mejlak*

### ♦ *Tixrob il-kolla flok sugu tal-lanġas!*

Mara mir-Rumanija kellha tiddaħħal l-isptar wara li f'ristorant ġiet servuta tazza kolla minflok, kif kienet ordnat hi, tazza sugu tal-lanġas. L-isfortunata hija Mirela Ciolan, li kienet marret fir-ristorant ta' Tohanu Nou għaliex kienet bil-għatx.

Li ġara kien, li l-*waitress* biddlet il-flixkun tal-*juice* ma' flixkun ieħor simili li kien kolla li ntużat minn xi ħaddiema fil-kċina tar-ristorant. Tistgħu taħsbu kif l-istonku tagħha għaqad ħaġa waħda!

### ♦ *Shakespeare b'wiċċ ta' kriminal!*

Wirja li nfetħet dan l-aħħar f'Cologne turi x'ħarsa seta' kellu d-drammaturgu ingliż William Shakespeare. Madanakollu l-apparat użat kien wieħed ta' *photofit*, l-istess bħal dawk li jagħmlu għall-kriminali mfittxija mill-Pulizija. L-esebizzjoni fil-fatt ittellgħet mid-dipartiment tad-drama ta' l-Universita` ta' Cologne, bil-kollaborazzjoni tad-Dipartiment ta' l-Investigazzjonijiet Kriminali tal-Pulizija.

Fost personalitajiet oħra li ġew ippreżentati b'dan il-mod kien hemm ukoll Mozart u Moliere. Min jaf x'qau?!

### ♦ *Ħamest' ijiem ħabs għal card falza!*

Studenta miċ-Ċili` kellha tqatta ħamest ijiem sħaħ imsakkra fil-ħabs tan-nisa għaliex ippruvat tqarraq b'xufier tal-karozza tal-linja meta ppreżentatlu *bus-card* qadima. Mariela Valdebenito ta' 21 sena kellha tħallas mal-**ħames** liri maltin biex wara **ħamest** 'ijiem fil-ħabs tkun tista tirritorna lura d-dar. Ma' kienux **ħames** ċenteżmi li riedet tiffranka!

### ♦ *Jivvinta tumblefryer!*

Innovatur Skoċċiż ivvinta biċċa apparat, simili ħafna għ*al tumble dryer*, pero` tista ssajjar l-ikel fih! It-*tumble fryer* ta' Stuart Morrison juża l-istess teknoloġija li juża t-*tumble dryer* biex inixxef il-ħwejjeġ, bid-differenza li dan jista jsajjar kollox, minn tiġieġ għal *chips*. L-invenzjoni ta' dan ir-raġel minn, f'Argyll, intgħażlet mill-istazzjon Discovery bħala waħda innovattiva ħafna!

### ♦ *$35,000 għal mushroom speċjali!*

Ristorantier Amerikan nafaq $35,000 biex akkwista *mushroom* rari, li tiżen aktar minn kilogramma. Joe Pytka qal li ser juża din il-mushroom f'għadd ta' platti li joffri r-ristorant tiegħu, u jispera li l-flus li nefaq jakkwistahom lura b'żieda fil-klijenti li jiġu jduqu l-aroma ta' din il-*mushroom* unika, fil-*West Hollywood French Restaurant* tiegħu (fejn sewwa, ma nafx!), u ara x'differenza ta' togħma fiha aktar minn kwalunkwe *mushroom* oħra...!


Ta' Pawlu



4 Triq Manuel de Vilhena, Imgarr, Gozo, GSM 104.

Da Luigi's
Restaurant & Wine Bar
For the finest food & best selection of wines
30 Manoel De Vilhena Street,
Mġarr - Gozo
Tel: 2155 8681 / 2156 1316
Fax: 2155 0122 Mob: 9988 8457

# IL-ĦAJJA f'Għawdex

# WERREJ SENA 2002


| *APPREZZAMENTI* | *Xahar* | *Paġna* |
|---|---|---|
| Dun Mikiel Buttigieg: Saċerdot għal kulħadd... (*Dun Karm Refalo*) | Marzu | 49 |
| Il-Kanoniku Dun Alwiġ Camilleri (*Dun Eddie Zammit*) | Jannar | 23 |
| Kan. On. Dun Ġwann Muscat (1925 - 2002) (*Dun Duminku Camilleri*) | Awissu/Sett. | 31 |

| *ARTIKLI ĠENERALI* | | |
|---|---|---|
| B'rikonoxxenza lejn l-E.T. Mons Isqof Nikol Ġ. Cauchi, ir-Raba' Kappillan tal-Parroċċa tal-Qalb ta' Ġesù, Fontana, Għawdex. (*Dun George Bezzina*) | Marzu | 41 |
| Ġorġ Pisani - il-Poeta Għawdxi li għadu ħaj f'qalb l-Għawdxin ( *Dr. Paul G.Pisani*) | Ġunju/Lulju | 26 |
| Ħidma Pastorali maż-Żgħażagħ fi żmien il-Milied (*Angie Pace*) | Frar | 26 |
| Il-Knisja ta' Iquitos fil-Perù - Knisja Żagħżugħa (*Fr Raymond Portelli*) | Ottubru | 19 |
| Il-Kurja t'Għawdex f'dawn l-aħħar Ħamsin Sena (*Mons. Giovanni B. Gauci*) | Marzu | 43 |
| Il-Milied ta' Tfuliti (*Mons Isqof Nikol Ġ. Cauchi*) | Diċembru | 32 |
| Is-Sajf u ż-Żgħażagħ: Vaganzi, Baħar, Mistrieħ u ...Voluntarjat! (*Diversi awturi*) | Ottubru | 26 |
| Is-Sinodu ta' l-Isqfijiet (*Dun Renato Borg*) | Jannar | 20 |
| Is-17-il Jum Dinji taż-Żgħażagħ f'Toronto, Kanada (*Ivan Farrugia, Joe u Giovanna Rapa*) | Awissu/Sett. | 16 |
| It-Tifkira Solenni tal-Fidili Mejtin Kollha fil-Liturġija( *Dun Reuben Micallef*) | Novembru | 26 |
| Jitfakkar il-50 Sena Saċerdozju ta' Mons. Isqof Nikol Cauchi (*Mons. G. B. Gauci*) | Mejju | 20 |
| Kwart ta' Miljun Ktieb fi 30 Sena mil-"*Lumen Christi*" (*Dun Anton Sultana*) | Ottubru | 16 |
| L-Għoti tad-demm f'Għawdex (*Dun Eddie Zammit*) | Frar | 19 |
| L-Isqof Cauchi kif nafu jien: Kappillan, Filosofu u Ġurnalista (*Pawlu Mizzi*) | Marzu | 12 |
| L-Isqof Cauchi: L-Ispirazzjoni tal-Lajċi Għawdxin (*Anton Farrugia*) | Marzu | 16 |
| L-Isqof Cauchi jirrakkonta... (*Dun Eddie Zammit jintervista lill-E.T. Mons Isqof*) | Marzu | 22 |
| L-Isqof Cauchi u l-Formazzjoni tas-Saċerdoti fis-Seminarju...(*Dun Anton Thuema*) | Marzu | 38 |
| Pastorali Djoċesana maż-Żgħażagħ Għawdxin fir-Randan u l-Għid 2002 (*Dun Giovanni Curmi*) | Ġunju/Lulju | 18 |
| Tifkiriet u Drawwiet Għawdxin marbutin mal-Festa ta' l-Għid ta' Dari (*Mons. Lawrenz Sciberras*) | April | 18 |

| *ARTIKLI BIJOGRAFIĊI TA' ANĠLU XUEREB* | | |
|---|---|---|
| Madre Margerita De Brincat 1 - Min kienet? | Jannar | 29 |
| Madre Margerita De Brincat 2 - Madre Margerita u l-Providenza | Frar | 29 |
| Madre Margerita De Brincat 3 - Soru kuraġġjuża fil-Missjoni ta' Korfù | Marzu | 48 |
| Madre Margerita De Brincat 4 - Ħeġġa Missjunarja | April | 29 |
| Madre Margerita De Brincat 5 - Tgħix Ħajja Franġiskana | Mejju | 36 |
| Madre Margerita De Brincat 6 - Edukatriċi | Ġunju/Lulju | 36 |
| Madre Margerita De Brincat 7 - Devota Kbira tal-Madonna u tal-Qalb ta' Gesù | Awissu/Sett | 40 |
| Madre Margerita De Brincat 8 - Ħadet il-vokazzjoni tagħha bis-serjetà | Ottubru | 36 |
| Madre Margerita De Brincat 9 - "Inħobbu l-Imħabba" | Novembru | 36 |
| Franġisk Portelli | Diċembru | 40 |

| *ARTIKLI TA' MONS. ISQOF NIKOL Ġ. CAUCHI* | | |
|---|---|---|
| Il-Messija Mistenni | Mejju | 24 |
| L-Eżistenza t'Alla fit-Tradizzjoni Ġudeo-Kristjana | Ottubru | 24 |
| L-Eżistenza t'Alla fit-Tradizzjoni Ġudeo-Kristjana | Novembru | 24 |

| | | |
|---|---|---|
| L-Istoriċità ta' l-Evanġelji | Jannar | 24 |
| L-Istoriċità ta' l-Evanġelji | Frar | 24 |
| L-Istoriċità ta' l-Evanġelji | April | 24 |
| L-Istoriċità ta' l-Evanġelji | Ġunju/Lulju | 24 |
| L-Istoriċità ta' l-Evanġelji | Awissu/Sett. | 32 |

### *BOOKMARK (KOTBA ĠODDA)*

| | | |
|---|---|---|
| *Attard Anton F.*, Mid-dinja tas-Seħer u tal-Folklor - *(Grazio A. Grech)* | Awissu/Sett. | 18 |
| *Caritas Għawdex*, L-Almanakk Għawdxi 2002 - *(Dun Anton Sultana)* | Frar | 22 |
| *Cauchi Nikol Ġ.*, Dun Alwiġ Mizzi - Sależjan - *(Dun Ġorġ Mercieca)* | Diċembru | 22 |
| *Cauchi Nikol Ġ.*, Marija fil-Misteru ta' Kristu u tal-Knisja - *(Dun Gerard Buhagiar)* | Novembru | 22 |
| *Cauchi N - Frendo Ġ.*, Ejjew Nadurawh - *(Mons. Salv Grima)* | Marzu | 51 |
| *Curmi Albert*, Għaliex...!!?? - *(Dr.Mario Saliba, M.D.)* | Ottubru | 18 |
| *Grech Grazio A.* Mill-Istorja Mużikali ta' Għawdex - *(Anthony Grech)* | Mejju | 26 |
| *Lumen Christi Media Centre*, Katekiżmu għaċ-Ċkejknin - *(Arċip. Mons. C Mercieca)* | Novembru | 22 |
| *Schembri Guido*, Il-Mara fid-Dinja Antika, fil-Bibbja u fil-Knisja - *(Oliver Friggieri)* | Diċembru | 22 |
| *Sciberras Lawrenz*, Ġesù Kristu Mħabbar mill-Profeti - *(P. Guido Schembri)* | Jannar | 22 |
| *Xuereb Angelo*, Il-Misteru ta' l-Għid - *(Mons. Salv Grima)* | April | 22 |

### *ĊIKKU L-GĦAWDXI*

| | |
|---|---|
| Jannar - Diċembru (b'eċċezzjoni ta' Marzu meta ma dehritx) | 10 |

### *DRAWWIET MISSIRIJIETNA (ANTON F. ATTARD)*

| | | |
|---|---|---|
| Il-Biedja f'Għawdex (It-Tielet Parti) | Jannar | 30 |
| Il-Biedja f'Għawdex (Ir-Raba' Parti) | Frar | 30 |
| Il-Biedja f'Għawdex (Il-Ħames Parti) | April | 30 |
| Il-Biedja f'Għawdex (Is-Sitt Parti) | Mejju | 30 |
| Il-Biedja f'Għawdex (Is-Seba' Parti) | Ġunju/Lulju | 30 |
| Il-Biedja f'Għawdex (It-Tmien Parti) | Awissu/Sett. | 34 |
| Il-Biedja f'Għawdex (Id-Disa' Parti) | Ottubru | 30 |
| Il-Biedja f'Għawdex (L-Għaxar Parti) | Novembru | 30 |
| Il-Biedja f'Għawdex (Il-Ħdax-il Parti) | Diċembru | 34 |

### *EDITORJALI*

| | | |
|---|---|---|
| 2002 - aktar Vjolenza jew Paċi? | Jannar | 3 |
| Ħamsin Sena Saċerdot | Marzu | 3 |
| Kemm aħna ġenwini? | April | 3 |
| L-Eku tal-Pastorali ta' Santa Marija | Ottubru | 3 |
| L-Istudenti Għawdxin f'Malta | Awissu/Sett. | 3 |
| Milied ta' Veru | Diċembru | 3 |
| Paċi, Ġustizzja u Maħfra | Frar | 3 |
| Qbadna t-triq tat-tifrik? | Mejju | 3 |
| Sehem il-Knisja Lokali fl-Edukazzjoni ta' Wliedna | Novembru | 3 |
| Żewġ Kwadri tal-Familja Għawdxija | Ġunju/Lulju | 3 |

### *GĦAWDEX SPORTIV (JOE BAJADA)*

| | | |
|---|---|---|
| Charles Cilia jirbaħ in-nofs Maratona ta' Għawdex | Ottubru | 40 |
| Gozo F.C. - Baqa' skop għalih? | Jannar | 40 |
| "Għin biex Trebbaħna" - Maratona Sportiva Suċċess. | Diċembru | 44 |
| Ix-Xagħra jirbħu l-Ewwel Post fis-Sitt Edizzjoni tal-"Logħob Mingħajr Konfini" | Novembru | 40 |
| Iż-Żgħażagħ u l-Isport | April | 40 |
| Merħba lill-*Windsurfing* u l-Ibburdjar | Awissu/Sett. | 44 |
| Nadur Youngsters Champions għas-Sitt Darba | Ġunju/Lulju | 40 |
| Sports għall-Persuni b'Diżabilità | Frar | 40 |
| Xewkija Tigers jirbħu l-GFA Cup għas-sitt darba | Mejju | 40 |

### *GĦAWDEX 300 SENA ILU - Paġna mill-Arkivju Nazzjonali (FR.JOSEPH BEZZINA)*

| | | |
|---|---|---|
| Għas-Sigurtà ta' Torri u ta' Palazz | Frar | 9 |
| Il-Bandiera ta' Għawdex | Mejju | 9 |

| | | |
|---|---|---|
| Il-Kastellan ta' Daħlet Qorrot | April | 9 |
| Ilma għall-Palazz tal-Gvernatur | Novembru | 9 |
| Is-Surmast Dun Onorat | Ottubru | 9 |
| Kontroll fuq l-Inbid | Diċembru | 9 |
| L-Ispejjeż tat-Trasport bejn Malta u Għawdex | Ġunju/Lulju | 9 |
| L-Onorarju tal-Gvernatur | Awissu/Sett. | 9 |
| Maħżen għall-bejgħ tal-qamħ fir-Rabat | Jannar | 9 |
| Pont ġdid għaċ-Ċittadella | Marzu | 9 |

### *IL-ĦAJJA FID-DJOĊESI (GEOFFREY G. ATTARD U VICTOR SAID)*

| | |
|---|---|
| Jannar - Diċembru | 4 |

### *INT U SAĦĦTEK (DR. MARIO SALIBA M.D.)*

| | | |
|---|---|---|
| Id-Dinja tal-Ballun | Mejju | 38 |
| Il-Ġenetika: Arma f'idejn il-Bniedem | Ottubru | 38 |
| Il-Ktieb tal-Ħajja | Jannar | 38 |
| Is-Servizzi tas-Saħħa | Novembru | 38 |
| It-Theddida ta' l-Aids | April | 38 |
| It-Tniġġis ta' l-Arja | Diċembru | 42 |
| It-Traffiku u Saħħitna | Frar | 38 |
| Kuxjenza Ambjentali | Ġunju/Lulju | 38 |
| L-Ekoloġija tal-Flus | Awissu/Sett. | 38 |

### *KURŻITAJIET MINN MADWAR ID-DINJA (PIERRE J. MEILAK)*

| | |
|---|---|
| Jannar - Novembru (b'eċċezzjoni ta' Marzu meta ma dehritx) | 42 |
| Diċembru | 46 |

### *L-INTERVISTI (DUN EDDIE ZAMMIT)*

| | | |
|---|---|---|
| Għawdxin f'Melbourne | Frar | 12 |
| Għawdxin Onorati | Jannar | 12 |
| Għaxar snin ta' ħidma mit-twaqqif tal-Lumen Christi Media Centre | Ottubru | 12 |
| Il-Kummerċ f'Għawdex | Ġunju/Lulju | 12 |
| Il-Milied fix-Xagħra | Diċembru | 12 |
| Kristu Ħaj fostna illum | April | 12 |
| L-Isqof Cauchi f'egħluq il-50 sena mill-Ordinazzjoni Saċerdotali | Marzu | 21 |
| L-Oratorju Don Bosco | Novembru | 12 |
| 50 sena ilu: L-Ewwel Ġebla tar-Rotunda | Mejju | 12 |
| Żjara tal-Isqof Cauchi fil-Brażil | Awissu/Sett. | 19 |

### *MILL-KNISJA FID-DINJA (DUN EDWARD XUEREB)*

Mill-Knisja fid-Dinja — Jannar 27, Frar 23, Marzu 53, April 23, Mejju 23, Ġunju/Lulju 23, Awissu/Settembru 15, Ottubru 23, Novembru 23, Diċembru 31

### *MIXXELLANJI*

| | | |
|---|---|---|
| Kitba Importanti ta' l-Isqof Cauchi (Biblijografija magħżula minn *Dun. Anton Sultana*) | Marzu | 54 |
| Mediterranea: Festival Annwali fil-Qalba tal-Mediterran (*Marion Zammit*) | Novembru | 28 |
| Novella - Ir-Reċta tal-Milied fiċ-Ċentru ta' Ħal Ferħ | Diċembru | 18 |
| Programm taċ-Ċelebrazzjonijiet fl-Okkażjoni tal-Ġublew tad-Deheb ta' l-Ordinazzjoni Saċerdotali ta' l-E.T. Mons. Nikol Ġ. Cauchi | Marzu | 10 |
| Tibdil fid-Direzzjoni tar-Rivista tagħna | Novembru | 8 |
| Werrej Sena 2002 | Diċembru | 47 |

### *POEŻIJI*

| | | |
|---|---|---|
| *Attard Joe M.*: Ħamsin Sena Saċerdot | Marzu | 20 |
| *Camilleri Fr. Eddie*: Il-Mara | Jannar | 28 |

| | | |
|---|---|---|
| *Camilleri Fr. Eddie*: Il-Gżira tad-Destin | Frar | 28 |
| *Psaila J.W.*: Tama | April | 28 |
| *Sultana Francis*: Il-Fliegu | Mejju | 28 |
| *Sultana Francis*: Il-Mewt timxi mal-Moda | Novembru | 19 |
| *Sultana Francis*: Xewqat sbieħ, Ġesù! | Diċembru | 19 |

### *RIFLESSJONIJIET MINN A.C.M*

| | | |
|---|---|---|
| Escrivà: Qaddis Ġdid | Novembru | 20 |
| Favur Turiżmu li jirrispetta u jippromovi lill-popli u l-ambjent | Awissu/Sett. | 12 |
| Iċ-Ċanfira ta' Mahatma Ghandi | Diċembru | 20 |
| Il-Messaġġi tal-Papiet fil-Jum Mondjali tal-Paċi | Jannar | 18 |
| Il-Mulej qam tassew | April | 20 |
| Is-Saċerdot Kattoliku | Marzu | 18 |
| Iż-żewġ imħabbiet ta' Patri Piju: Marija u Kristu | Mejju | 18 |
| Kif il-Knisja tħares lejn l-Internet | Ġunju/Lulju | 20 |
| L-Ilma: fi stat ta' emerġenza | Ottubru | 20 |
| Rispett għall-Ħajja | Frar | 20 |

### *WIRT GŻIRITNA (ĠUŻEPPI M. BEZZINA)*

Il-Mużew tal-Istorja Naturali (mir-Raba' sal-Ghaxar parti,) minn Jannar sa Ottubru f'paġna 34

| | | |
|---|---|---|
| Ġużeppi Grech u l-Mitħna ta' Kola fix-Xagħra (L-Ewwel Parti) | Novembru | 34 |
| Ġużeppi Grech u l-Mitħna ta' Kola fix-Xagħra (It-Tieni Parti) | Diċembru | 38 |

### *X'ĠARA DAN L-AĦĦAR (LELIO SPITERI)*

| | |
|---|---|
| Aħbarijiet ta' Għawdex, minn Jannar sa Diċembru | 6 |




The Photo Shop
1 hr Photos
135 - APS - Digital
Fortunato Mizzi Street
Victoria, Gozo
Tel. 563 403 / 557 555
e-mail: kaiser@maltanet.net
Your Special Occassions
Photos & Video
with a difference
a reason to smile !!
Sole Agents & Distributors
for:
Novo Modo Albums
Velbon Tripods
Mogetta Argenti
Lupo Studio Lights
Night Owl Optics


la femme
Women's Choice ...
Karlu Galea Street, Victoria, VCT111, Gozo
Tel. 21 564243, 21 558886 Fax. 21 564215 Mob. 99470114